	(4a) It-traffikar marbut mal-istituzzjonijiet jirreferi għal meta t-tfal jiġu sfruttati billi jitqiegħdu, jinżammu u jiġu akkomodati f'ambjenti ta' kura istituzzjonali kontra r-rieda tagħhom, bl-għan li jsir profitt mill-isfruttament tat-tfal. L-entità jew entitajiet li jwettqu t-traffikar jikkonvertu l-istituzzjonijiet f'attivitajiet ta' qligħ billi jistabbilixxu strutturi li jirċievu fondi mingħand il-gvernijiet tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti jew mingħand gvernijiet oħra, kif ukoll mingħand donaturi minn pajjiżi terzi, biex jiffinanzjaw l-operat tal-istituzzjonijiet[1a]. Meta wieħed iqis li l-iskop tat-tqegħid involontarju tat-tfal f'istituzzjonijiet huwa li jippermetti attivitajiet finanzjarji bi qligħ li jirriżultaw minn dan l-isfruttament, u li l-finanzjament tal-istituzzjonijiet joriġina minn sorsi multipli, li sikwit jinsabu barra l-Istat Membru fejn huma stabbiliti l-istituzzjonijiet, jenħtieġ li t-traffikar tat-tfal f'istituzzjonijiet jiżdied ukoll bħala forma ta' sfruttament elenkat b'mod espliċitu fid-Direttiva, peress li għandu element transfruntier ċar.
	[1a] https://lumos.contentfiles.net/media/documents/document/2021/12/LUMOS_Cycles

_of_exploitation.pdf p. 7, 49, 80

Or. en

Emenda 66
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-impenn tal-Istati Membri fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin jenħtieġ li jintwera bl-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali kontra t-Traffikar. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali kontra t-Traffikar jenħtieġ li jinkludu miżuri komprensivi, inklużi l-prevenzjoni, il-monitoraġġ, il-ġbir ta' data, il-koordinazzjoni, id-diliġenza dovuta, miżuri għall-prevenzjoni tat-traffikar mill-ġdid, u jenħtieġ li jiġu żviluppati u aġġornati regolarment f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 67
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(4a) Il-maternità surrogata tesponi għal sogru kbir kemm ta' sfruttament - minħabba n-nuqqas ta' regoli armonizzati jew ċari li jipprojbixxu din il-prattika fil-livell internazzjonali - kif ukoll ta' kummerċjalizzazzjoni bla skrupli. Din is-sitwazzjoni tikkawża żieda sinifikanti fid-domanda għat-traffikar tal-bnedmin u**

trid titqies meta jiġi identifikat u miġġieled dan il-fenomenu.

Or. en

Emenda 68
Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Ir-regolarizzazzjoni tal-maternità surrogata f'ċerti Stati Membri għamlitha possibbli li jiġu rreġistrati t-tfal, li jitbiegħdu mill-ġenituri tagħhom, bl-intenzjoni li jitqiegħdu fis-suq u jsiru vittmi ta' networks tat-traffikar tal-bnedmin;

Or. es

Emenda 69
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Sabiex l-Istati Membri jikkonformaw mar-responsabbiltà primarja tagħhom li jirrispettaw, jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-persuni ttraffikati kollha irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-istandard ta' diliġenza dovuta flimkien mal-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat, kif ukoll l-użu ta' metodoloġija b'approċċ olistika, ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u intersezzjonali li tafferma ċ-ċentralità tal-vittmi bħala detenturi ta' drittijiet, jiġu inkorporati fil-leġiżlazzjoni

nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-oqfsa nazzjonali tagħhom għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet bħall-ġeneru, is-sess, ir-razza jew l-etniċità, l-istatus ta' immigrazzjoni jew status ieħor, jew taħlita ta' dawn, u li jiġu implimentati b'mod li ma jaffettwax lill-vittmi b'mod negattiv.

Or. en

Emenda 70
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għadd dejjem akbar ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin jitwettqu jew jiġu ffaċilitati permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni jew tal-komunikazzjoni. It-traffikanti jużaw l-internet u l-media soċjali, inter alia, ***biex*** jirreklutaw, jirreklamaw jew jisfruttaw il-vittmi, jeżerċitaw kontroll u jorganizzaw it-trasport. L-internet u l-media soċjali jintużaw ukoll biex jitqassmu materjali ta' sfruttament. It-teknoloġija tal-informazzjoni xxekkel ukoll id-detezzjoni f'waqtha tar-reat u l-identifikazzjoni tal-vittmi u tal-awturi ta' reat. Għalhekk huwa importanti li d-dimensjoni online ***tar-reat tiġi inkluża b'mod espliċitu*** fil-qafas legali.	(5) Għadd dejjem akbar ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin jitwettqu jew jiġu ffaċilitati permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni jew tal-komunikazzjoni***, u dan qed iwassal għal żieda kbira fl-għadd ta' vittmi sfruttati online***. ***Id-dimensjoni online saret theddida sinifikanti u li qed tikber fir-rigward tat-traffikar tal-bnedmin għax*** it-traffikanti jużaw l-internet u l-media soċjali, inter alia ***bħala metodu ta' kif jistabbilixxu networks komprensivi tat-traffikar***, ***jikkomunikaw ma' traffikanti oħra,*** jirreklutaw, jirreklamaw jew jisfruttaw il-vittmi, jeżerċitaw kontroll u jorganizzaw it-trasport ***u l-akkomodazzjonijiet***. L-internet u l-media soċjali jintużaw ukoll biex jitqassmu materjali ta' sfruttament. It-teknoloġija tal-informazzjoni xxekkel ukoll id-detezzjoni f'waqtha ***u ġeografika*** tar-reat u l-identifikazzjoni tal-vittmi u tal-awturi ta' reat. Għalhekk huwa importanti li ***jiġu inklużi b'mod espliċitu*** d-dimensjoni

online ***fl-aspetti kollha tagħha u r-rabta bejn id-dimensjoni online u offline tar-reat*** fil-qafas legali ***fid-dimensjonijiet kollha tiegħu u li jiġi indirizzat mill-prevenzjoni sal-prosekuzzjoni***.

Or. en

Emenda 71
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għadd dejjem akbar ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin jitwettqu jew jiġu ffaċilitati permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni jew tal-komunikazzjoni. It-traffikanti jużaw l-internet u l-media soċjali, inter alia, biex jirreklutaw, jirreklamaw jew jisfruttaw il-vittmi, jeżerċitaw kontroll u jorganizzaw it-trasport. L-internet u l-media soċjali jintużaw ukoll biex jitqassmu materjali ta' sfruttament. It-teknoloġija tal-informazzjoni xxekkel ukoll id-detezzjoni f'waqtha tar-reat u l-identifikazzjoni tal-vittmi u tal-awturi ta' reat. Għalhekk huwa importanti li d-dimensjoni online tar-reat tiġi inkluża b'mod espliċitu fil-qafas legali.	(5) Għadd dejjem akbar ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin jitwettqu jew jiġu ffaċilitati permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni jew tal-komunikazzjoni. It-traffikanti jużaw l-internet u l-media soċjali, inter alia, biex jirreklutaw, jirreklamaw jew jisfruttaw il-vittmi, jeżerċitaw kontroll u jorganizzaw it-trasport. L-internet u l-media soċjali jintużaw ukoll biex jitqassmu materjali ta' sfruttament. It-teknoloġija tal-informazzjoni xxekkel ukoll id-detezzjoni f'waqtha tar-reat u l-identifikazzjoni tal-vittmi u tal-awturi ta' reat. Għalhekk huwa importanti li d-dimensjoni online tar-reat tiġi inkluża b'mod espliċitu fil-qafas legali. ***Peress li l-pandemija kkontribwiet għal żieda fir-reati mwettqa permezz tal-internet u ħafna awturi ta' reati tat-traffikar tal-bnedmin mexxew l-operazzjonijiet tagħhom għaċ-ċiberspazju, jenħtieġ li jiġu intensifikati l-attivitajiet immirati lejn il-monitoraġġ tal-internet, u jenħtieġ ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tad-detezzjoni u l-prosekuzzjoni tal-awturi ta' reati tat-traffikar tal-bnedmin.***

Or. en

Emenda 72
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għadd dejjem akbar ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin jitwettqu jew jiġu ffaċilitati permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni jew tal-komunikazzjoni. It-traffikanti jużaw l-internet u l-media soċjali, inter alia, biex jirreklutaw, jirreklamaw jew jisfruttaw il-vittmi, jeżerċitaw kontroll u jorganizzaw it-trasport. L-internet u l-media soċjali jintużaw ukoll biex jitqassmu materjali ta' sfruttament. ***It-teknoloġija tal-informazzjoni xxekkel ukoll id-detezzjoni f'waqtha tar-reat u l-identifikazzjoni tal-vittmi u tal-awturi ta' reat. Għalhekk*** huwa ***importanti*** li ***d-dimensjoni online tar-reat tiġi inkluża b'mod espliċitu fil-qafas legali***.	(5) Għadd dejjem akbar ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin jitwettqu jew jiġu ffaċilitati permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni jew tal-komunikazzjoni. It-traffikanti jużaw l-internet u l-media soċjali, inter alia, biex jirreklutaw, jirreklamaw jew jisfruttaw il-vittmi, jeżerċitaw kontroll u jorganizzaw it-trasport. L-internet u l-media soċjali jintużaw ukoll biex jitqassmu materjali ta' sfruttament. ***Għalhekk huwa importanti li tiġi indirizzata b'mod espliċitu d-dimensjoni online*** tar-reat ***fil-qafas legali*** u ***li jiġu stabbiliti salvagwardji għall-prevenzjoni tat-traffikar iffaċilitat mit-teknoloġija, filwaqt li jiġi żgurat li l-isforzi tal-awtoritajiet kompetenti orjentati fuq il-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni*** u ***l-prosekuzzjoni tat-traffikar online jkunu limitati għal dak li*** huwa ***meħtieġ u proporzjonat u*** li ***d-drittijiet tal-vittmi għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali jiġu rispettati***.

Or. en

Emenda 73
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, għandu jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u tal-istrumenti tal-	(7) Fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, għandu jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u tal-istrumenti tal-

kriminalità, bħad-Direttiva UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Direttiva Proposta dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi][30]. ***L-użu tal-istrumenti*** u ***tar-rikavat*** mir-reati msemmija fid-Direttiva 2011/36/UE li jkunu ffriżati jew ikkonfiskati biex jiġu appoġġati l-għajnuna għall-vittmi u l-protezzjoni tagħhom, inkluż ***il-kumpens*** tal-vittmi u ***l-attivitajiet transfruntieri tal-Unjoni*** ta' ***infurzar tal-liġi*** ta' ***kontra t-traffikar***, jenħtieġ li ***jitħeġġeġ***.

[30] COM (2022) 245.

kriminalità, bħad-Direttiva UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Direttiva Proposta dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi][30]. ***L-istrumenti*** u ***r-rikavat*** mir-reati msemmija fid-Direttiva 2011/36/UE li jkunu ffriżati jew ikkonfiskati ***jenħtieġ li jintużaw, bħala kwistjoni ta' prijorità,*** biex jiġu appoġġati l-għajnuna għall-vittmi u l-protezzjoni tagħhom, inkluż ***permezz tal-kumpens dirett*** tal-vittmi***. Fejn ma jkunx possibbli li l-istrumenti*** u ***r-rikavati ffriżati u kkonfiskati jintużaw biex jappoġġaw l-assistenza u l-protezzjoni tal-vittmi permezz*** ta' ***kumpens dirett, l-assi ffriżati u kkonfiskati jenħtieġ li jintużaw għal skopijiet soċjali, b'mod partikolari billi jiġu assenjati lil organizzazzjonijiet li jwettqu ħidma*** ta' ***interess soċjali biex jassistu u jappoġġaw lill-vittmi tat-traffikar. Jenħtieġ li l-assi ffriżati u kkonfiskati ma jikkostitwixxux l-uniku mezz biex jiġu provduti kumpens, appoġġ, jew assistenza lill-vittmi. Jenħtieġ li l-Istati Membri, għal dak il-għan, jistabbilixxu fond nazzjonali għall-vittmi tat-traffikar.***

[30] COM (2022) 245.

Or. en

Emenda 74
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, għandu jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u tal-istrumenti tal-kriminalità, bħad-Direttiva UE/XX/YY tal-	(7) Fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, għandu jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u tal-istrumenti tal-kriminalità, bħad-Direttiva UE/XX/YY tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Direttiva Proposta dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi][30]. L-użu tal-istrumenti u tar-rikavat mir-reati msemmija fid-Direttiva 2011/36/UE li jkunu ffriżati jew ikkonfiskati biex jiġu appoġġati l-għajnuna għall-vittmi u l-protezzjoni tagħhom, inkluż il-kumpens tal-vittmi u l-attivitajiet transfruntieri tal-Unjoni ta' infurzar tal-liġi ta' kontra t-traffikar**,** jenħtieġ li ***jitħeġġeġ***.	Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Direttiva Proposta dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi][30]. L-użu tal-istrumenti u tar-rikavat mir-reati msemmija fid-Direttiva 2011/36/UE li jkunu ffriżati jew ikkonfiskati biex jiġu appoġġati l-għajnuna għall-vittmi u l-protezzjoni tagħhom, inkluż il-kumpens tal-vittmi ***jenħtieġ li jsir prijorità. Jenħtieġ li l-Istati Membri, għal dan l-għan, jistabbilixxu fond nazzjonali għall-vittmi bbażat fuq l-assi kkonfiskati,*** u l-attivitajiet transfruntieri tal-Unjoni ta' infurzar tal-liġi ta' kontra t-traffikar jenħtieġ li ***jiġu mħeġġa***.
[30] COM (2022) 245.	[30] COM (2022) 245.

Or. en

Emenda 75
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, għandu jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u tal-istrumenti tal-kriminalità, bħad-Direttiva UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Direttiva Proposta dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi][30]. L-użu tal-istrumenti u tar-rikavat mir-reati msemmija fid-Direttiva 2011/36/UE li jkunu ffriżati jew ikkonfiskati biex jiġu appoġġati l-għajnuna għall-vittmi u l-protezzjoni tagħhom, inkluż il-kumpens tal-vittmi ***u*** l-attivitajiet transfruntieri tal-Unjoni ta' infurzar tal-liġi ta' kontra t-traffikar, jenħtieġ li jitħeġġeġ.	(7) Fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, għandu jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u tal-istrumenti tal-kriminalità, bħad-Direttiva UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Direttiva Proposta dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi][30]. L-użu tal-istrumenti u tar-rikavat mir-reati msemmija fid-Direttiva 2011/36/UE li jkunu ffriżati jew ikkonfiskati biex jiġu appoġġati l-għajnuna għall-vittmi u l-protezzjoni tagħhom, inkluż il-kumpens tal-vittmi***, jenħtieġ li jsir prijorità,*** l-attivitajiet transfruntieri tal-Unjoni ta' infurzar tal-liġi ta' kontra t-traffikar, jenħtieġ li jitħeġġeġ. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri, għal dak il-għan, jistabbilixxu fond nazzjonali għall-vittmi.***

[30] COM (2022) 245.

[30] COM (2022) 245.

Or. en

Emenda 76
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Sabiex tiżdied il-koordinazzjoni tal-korpi kollha li jaħdmu kontra t-traffikar tal-bnedmin, u jissaħħu r-reazzjonijiet tal-politika nazzjonali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti Koordinaturi Nazzjonali Kontra t-Traffikar (NATC). L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti lill-koordinaturi nazzjonali ta' kontra t-traffikar għat-twettiq effettiv u adegwat tal-kompiti tagħhom.

Or. en

Emenda 77
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali ***li jiġu identifikati l-vittmi*** fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment	(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali ***ta' detezzjoni u identifikazzjoni tal-vittmi*** fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti**,** permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta'

formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera.

riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera. ***Il-mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment jenħtieġ li jiżguraw sistema ċċentrata fuq id-drittijiet tal-bniedem għad-detezzjoni, l-identifikazzjoni, l-appoġġ u l-assistenza tal-vittmi tat-traffikar u għar-riferiment tagħhom lill-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali responsabbli, inklużi punti fokali. Din jenħtieġ li tkun ibbażata fuq approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati, li jinvolvi lill-awtoritajiet kompetenti u lill-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili attivi f'dan il-qasam. Jenħtieġ li jkun possibbli li jkun hemm diversi punti fokali għal forom differenti tat-traffikar.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emendi proposti fl-Artikolu 11.4.

Emenda 78
Abir Al-Sahlani, Yana Toom, Sylvie Brunet

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera.	(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera. ***Meta jittrattaw vittmi tfal, u***

b'mod partikolari bniet, il-mekkaniżmi jenħtieġ li jipprovdu appoġġ b'mod li jkun partikolarment adatt għall-vulnerabbiltà tagħhom, kif stabbilit fil-kuntest ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 79
Yana Toom, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera.	(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera. ***Meta jittrattaw vittmi tfal, il-mekkaniżmi jenħtieġ li jipprovdu appoġġ b'mod li jkun partikolarment adatt għall-vulnerabbiltà tagħhom, kif stabbilit fil-kuntest ta' din id-Direttiva.***

Or. en

Emenda 80
Patricia Chagnon

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera.	(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera. ***Dawn il-punti nazzjonali għandhom jintużaw ukoll biex tiġi vverifikata l-veraċità ta' dak li jingħad dwar vittma potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin.***
	Or. fr

Emenda 81
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera.	(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera ***u jiġu żgurati l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ lilhom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet***

ta' appoġġ rilevanti.

Or. en

Emenda 82
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera.	(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali ***ta' prevenzjoni*** li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa ***u speċjalizzati***, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti**,** permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ***u l-koordinazzjoni*** transfruntiera.

Or. en

Emenda 83
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Il-vittmi tat-traffikar jenħtieġ li ma jiġux detenuti, akkużati jew soġġetti għal prosekuzzjoni għal reati amministrattivi jew kriminali jew esklużi minn miżuri ta' assistenza, appoġġ u protezzjoni minħabba l-istatus ta' residenza, ta'

immigrazzjoni jew ta' xogħol tagħhom. Il-biżgħat ta' ritorn furzat lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom jew ta' prosekuzzjoni u kastig kriminali jistgħu jżommu lill-vittmi milli jfittxu protezzjoni u assistenza, u b'hekk jillimitaw l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja, u jnaqqsu l-probabbiltà li jirrapportaw lill-awturi ta' reati tat-traffikar lill-awtoritajiet.

Or. en

Emenda 84
Yana Toom, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Ir-rifuġjati, il-persuni li jfittxuażil, il-persuni spostati u l-persuni apolidi huma ġeneralment innutati li huma vulnerabbli għall-isfruttament. In-nuqqas ta' introjtu u l-privazzjoni materjali, l-iżolament mill-familja u appoġġ soċjali ieħor u n-nuqqas ta' status huma fatturi ta' riskju biex wieħed isir vittma tat-traffikar tal-bnedmin. Għalhekk huwa kruċjali li jiġi żgurat li dawn il-persuni jkollhom aċċess adegwat biex japplikaw għalażil u li jkunu protetti mill-prinċipju ta' non-refoulement.

Or. en

Emenda 85
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8a) Sabiex jiġi żgurati protezzjoni, appoġġ u assistenza suffiċjenti lil vittmi potenzjali tat-traffikar, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-vittmi ma jiġux akkużati b'reati amministrattivi jew kriminali jew eskluży minn miżuri ta' appoġġ fiżiku u psikoloġiku minħabba l-istatus ta' residenza tagħhom.

Or. en

Emenda 86
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-importanza li jiġu involuti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma involuti fil-protezzjoni tal-vittmi hija kruċjali meta nfittxu li nsaħħu l-identifikazzjoni tal-vittmi u niżguraw l-effettività tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.

Or. en

Emenda 87
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Bil-għan li tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali fir-rigward tad-detezzjoni, l-identifikazzjoni u r-riferiment, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw ukoll Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali u jirreveduhom u jaġġornawhom f'intervalli regolari.

Or. en

Emenda 88
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Il-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar u l-appoġġ għalihom, inkluż permezz tar-regolarizzazzjoni tal-istatus tar-residenza, tal-migrazzjoni, jew tax-xogħol tagħhom, jenħtieġ li ma jkunux kundizzjonali fuq il-kooperazzjoni tagħhom fl-investigazzjoni kriminali, il-prosekuzzjoni jew il-proċess fil-qrati għal reati marbuta mas-sitwazzjoni tagħhom bħala persuni ttraffikati, jew fuq is-suċċess ta' tali proċedimenti. Il-vittmi tat-traffikar jenħtieġ li ma jiġux detenuti, akkużati jew soġġetti għal prosekuzzjoni għal reati amministrattivi jew kriminali jew esklużi minn miżuri ta' appoġġ minħabba d-deċiżjoni tagħhom li ma jikkooperawx mal-awtoritajiet ta' investigazzjoni jew ta' prosekuzzjoni.

Or. en

Emenda 89
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) L-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u għal status ta' residenza huma kundizzjonali fuq il-kooperazzjoni tal-vittma mal-awtoritajiet kompetenti biex jiġu żgurati inċentivi

biżżejjed għal kollaborazzjoni li twassal għal investigazzjoni effettiva, u b'hekk jiġi indirizzat in-negozju ċiniku tat-traffikanti u jiġi żgurat punt ta' aċċess għall-infurzar tal-liġi biex jiġu miġġielda n-networks tat-traffikar.

Or. en

Emenda 90
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) Minħabba li tlieta minn kull erba' każi tat-traffikar jinvolvu n-nisa u li n-nisa u l-irġiel sikwit jiġu traffikati għal skopijiet differenti, huwa importanti li jkun hemm approċċ speċifiku għall-ġeneru fejn xieraq fir-rigward tal-miżuri ta' appoġġ u assistenza.

Or. en

Emenda 91
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat li jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn	(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat li jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn

approċċ komprensiv għat-tnaqqis tad-domanda, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li jrawwem il-forom kollha ta' sfruttament.	approċċ komprensiv għat-tnaqqis tad-domanda, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li jrawwem il-forom kollha ta' sfruttament. ***Madankollu, meta jitqies li r-reati tat-traffikar ivarjaw ħafna, jenħtieġ ukoll li d-dispożizzjonijiet dwar il-kriminalizzazzjoni ta' dawn ir-reati jiġu adattati u li ssir distinzjoni skont dan. B'mod partikolari, il-kriminalizzazzjoni tax-xiri ta' servizzi sesswali li huma l-oġġetti ta' sfruttament bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat definit bħala sfruttament fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva ma tiksibx wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' din id-Direttiva, jiġifieri it-tnaqqis fid-domanda. Meta jiġi kkunsidrat li l-prostituzzjoni jenħtieġ li titqies bħala sfruttament indipendentement miċ-ċirkostanzi li fihom ikun ġie pprovdut is-servizz sesswali lill-persuna li tixtrih, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn ix-xiri ta' tali servizzi u x-xiri ta' servizzi oħra li huma l-oġġett ta' sfruttament bl-għarfien li l-persuna hija vittma tat-traffikar.***

Or. en

Emenda 92
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament ***bl-għarfien*** li l-persuna hija vittma ***ta' reat*** li ***jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin***. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv għat-tnaqqis tad-domanda, li għandu l-għan li jindirizza l-	(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi ***u atti*** li huma l-oġġetti ta' sfruttament***, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari s-sitwazzjonijiet fejn tkun seħħet aktar minn forma waħda ta' sfruttament. Ir-restrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali biex tkopri biss sitwazzjonijiet fejn l-utent ikollu għarfien***

livelli għoljin ta' domanda li jrawwem il-forom kollha ta' sfruttament.

dirett u reali li l-persuna hija vittma ***tat-traffikar tal-bnedmin toħloq soll għoli ħafna biex jinkisbu prosekuzzjonijiet. Għaldaqstant l-utent jenħtieġ li juri*** li ***ttieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiġi evitat l-użu ta' servizzi pprovduti minn vittma***. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv għat-tnaqqis tad-domanda, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li jrawwem il-forom kollha ta' sfruttament.

Or. en

Emenda 93
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament ***bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat li jikkonċerna t-traffikar*** tal-bnedmin. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv ***għat-tnaqqis tad-domanda***, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li ***jrawwem il-forom*** kollha ta' sfruttament.	(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ***intenzjonat*** ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament ***marbut ma' traffikar*** tal-bnedmin. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv ***biex titnaqqas id-domanda għall-merkanzija illegali***, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li ***jrawmu l-forom*** kollha ta' sfruttament ***u t-traffikar tal-bnedmin. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jiċċaraw u japplikaw definizzjoni ta' "intenzjonalità" f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali u l-prattika legali tagħhom.***

Or. en

Emenda 94

Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat li jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv ***għat-tnaqqis tad-domanda***, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li ***jrawwem il-forom*** kollha ta' sfruttament.	(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda ***u fil-provvista*** madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat li jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv ***biex titnaqqas id-domanda u tiġi eliminata l-kultura ta' impunità attwali***, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' ***provvista u*** domanda li ***jrawmu l-forom*** kollha ta' sfruttament.

Or. en

Emenda 95
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament ***bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat li jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin***. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv għat-tnaqqis tad-domanda, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li jrawwem il-forom kollha ta' sfruttament.	(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv għat-tnaqqis tad-domanda, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li jrawwem il-forom kollha ta' sfruttament.

Or. en

Emenda 96
Yana Toom, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament ***bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat*** li ***jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin***. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv għat-tnaqqis tad-domanda, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li ***jrawwem il-forom*** kollha ta' sfruttament.	(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti li jiġi kriminalizzat l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament ***sesswali fil-każijiet fejn l-utent ta' tali servizzi kellu l-għarfien, jew seta' raġonevolment jassumi,*** li ***l-persuna hija vittma tat-traffikar***. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv għat-tnaqqis tad-domanda, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li ***jrawmu l-forom*** kollha ta' sfruttament.

Or. en

Emenda 97
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Għall-istess għan, l-isfruttament permezz tat-tneħħija ta' organi umani minn donatur ħaj jew mejjet, bi skambju għal kwalunkwe tip ta' renumerazzjoni jew ta' natura mhux finanzjarja, kif ukoll l-isfruttament permezz tal-użu ta' servizzi li jirriżultaw mill-iskjavitù, is-servitù jew prattiki simili għall-iskjavitù, jenħtieġ li jiġu divrenzjati wkoll. Meta wieħed iqis li

l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, fit-Tlieta u Sittin Assemblea Dinjija tas-Saħħa adottat ir-riżoluzzjoni WHA63.22[1a], li fiha tiddikjara l-oppożizzjoni tagħha għal "tiftix ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ kumparabbli fi tranżazzjonijiet li jinvolvu partijiet mill-ġisem tal-bniedem, traffikar tal-organi u turiżmu tat-trapjanti", it-tneħħija u x-xiri ta' organi umani minn donatur ħaj jew mejjet jenħtieġ li jiġu kriminalizzati, irrispettivament minn jekk il-persuna li tixtri l-organi mneħħija mill-vittma tkunx taf jew le li l-persuna hija vittma tat-traffikar. Dan jenħtieġ li japplika wkoll għall-użu ta' servizzi derivati mill-iskjavitù, is-servitù jew prattiki simili għall-iskjavitù, meta wieħed iqis li n-natura fiha nfisha ta' dan l-isfruttament hija sfruttattiva irrispettivament minn jekk il-persuna li tuża s-servizzi li jirriżultaw mill-iskjavitù tkunx taf li l-fornitur tas-servizzi huwa sfruttat taħt dawn il-kundizzjonijiet.

1a

https://apps.who.int/iris/bitstream/handle/10665/3096/A63_R22-en.pdf?sequence=1&isAllowed=y

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija meħtieġa għall-koerenza interna wara l-bidliet li saru fil-Premessa 18a.

Emenda 98
Yana Toom, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Persuni bi kwalunkwe tip ta' diżabilità huma f'riskju akbar li jsiru

vittmi tat-traffikar. Dawn jistgħu jitqiesu u jisfaw fil-mira tal-awturi ta' reat b'mod partikolari minħabba l-vulnerabbiltà akbar tagħhom u l-ostakli li jiffaċċjaw biex jaċċessaw il-ġustizzja. Meta wieħed iqis li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma partijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, huma jenħtieġ li jagħtu aktar qies meta jipprovdu miżuri ta' appoġġ lill-vittmi tat-traffikar li jkollhom diżabilità, u li l-impjegati taċ-ċivil ikunu rċevew taħriġ adegwat biex jassistu lill-vittmi b'mod li jiffavorixxi lill-persuni b'diżabilità. Il-proċessi legali jenħtieġ li jiġu adattati wkoll biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-vittmi tat-traffikar li jkollhom diżabilità, biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod ugwali fil-proċessi.

Or. en

Emenda 99
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Sabiex jiġi prevenut u miġġieled b'mod effettiv it-traffikar għal sfruttament sesswali, huwa importanti li jiġi rikonoxxut li l-isforzi biex jiġi kriminalizzat l-użu konxju tas-servizzi ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ma rriżultawx fi tnaqqis fid-domanda. Barra minn hekk, it-traffikanti għandhom it-tendenza li jsuqu lill-vittmi tagħhom lejn pajjiżi fejn il-prostituzzjoni hija regolata u pprattikata legalment peress li huwa aktar faċli għalihom li jużaw ambjenti legali sabiex jisfruttaw lill-vittmi. Il-pajjiżi li lleġiżlaw fuq it-talba globalment b'miżuri li jiffukaw fuq ix-xiri ta' atti sesswali u l-kriminalizzazzjoni tal-isfruttament tal-

prostituzzjoni ta' oħrajn, b'enfasi fuq l-għeruq tal-prostituzzjoni u r-rabtiet tagħha mas-sistemi tat-traffikar, urew li huma effettivi.

Or. en

Emenda 100
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Sabiex jintlaħaq l-objettiv li tiġi skoraġġuta d-domanda li theġġeġ it-traffikar, l-isforzi tal-ġustizzja kriminali jeħtieġ li jiġu mħallta ma' miżuri oħra. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni li jpoġġu lill-vittmi fiċ-ċentru, taħriġ, inkluż taħriġ imfassal speċifikament għall-irġiel, attivitajiet edukattivi li jippromwovu l-ugwaljanza u li jiġġieldu l-istereotipi sessisti, ir-razziżmu, u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kif ukoll riċerka biex tiġi analizzata r-relazzjoni bejn is-sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà u l-esponiment għar-riskji tat-traffikar.

Or. en

Emenda 101
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Il-persuni b'diżabilità, inkluż in-nisa u l-bniet b'diżabilità, u l-persuni b'diżabilità intellettwali jew psikosoċjali, jinsabu f'riskju akbar li jisfaw vittmi tat-

traffikar tal-bnedmin. L-awturi ta' reat jistgħu jżommuhom fil-mira tagħhom minħabba d-diżabilità tagħhom u l-ostakli li jiffaċċjaw biex jirrapportaw ir-reat u jaċċessaw il-ġustizzja.

Or. en

Emenda 102
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Madankollu, għal tipi oħra ta' sfruttament tal-vittmi tat-traffikar kif stabbilit f'din id-Direttiva u li mhux diġà msemmi fil-Premessa 9 jew 9a ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li persuna tkun responsabbli għal reat kriminali biss jekk tixtri servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament bl-għarfien li l-persuna hija vittma tat-traffikar.

Or. en

Emenda 103
Abir Al-Sahlani, Yana Toom, Sylvie Brunet

Proposta għal direttiva
Premessa 9c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9c) Il-persuni bi kwalunkwe tip ta' diżabilità, b'mod partikolari l-bniet b'diżabilità, jinsabu f'riskju akbar li jsiru vittmi tat-traffikar. L-awturi ta' reat jistgħu jarawhom u jimmiraw fuqhom b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-vulnerabbiltà tagħhom u l-ostakli li jiffaċċjaw biex jaċċessaw il-ġustizzja. Meta wieħed iqis li l-Istati Membri tal-

Unjoni Ewropea huma partijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, huma jenħtieġ li jagħtu aktar qies meta jipprovdu miżuri ta' appoġġ lill-vittmi ta' traffikar li jkollhom diżabilità, u li l-impjegati taċ-ċivil ikunu rċevew taħriġ adegwat biex jassistu lill-vittmi b'mod li jiffavorixxi lill-persuni b'diżabilità. Il-proċessi legali jenħtieġ li jiġu adattati wkoll biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-vittmi tat-traffikar li jkollhom diżabilità, biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod ugwali fil-proċessi.

Or. en

Emenda 104
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-ġbir ta' data ***akkurata u*** koerenti u ***l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data*** u ***statistika*** miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar l-ambitu tat-traffikar tal-bnedmin fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika dwar it-traffikar tal-bnedmin kull sena b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex jittejjeb il-fehim ġenerali dwar il-fenomenu u biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji infurmati bid-data. Minħabba l-importanza li jkun hemm data statistika aġġornata kemm jista' jkun malajr, huwa xieraq li tiġi determinata d-data tal-applikazzjoni tal-artikolu dwar il-ġbir tad-data fl-aktar mument kmieni fiż-żmien, li huwa d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.	(10) Il-ġbir ta' data ***preċiża, affidabbli,*** koerenti***, anonimizzata*** u ***diżaggregata mill-inqas skont il-ġeneru, l-oriġini razzjali*** u ***etnika, l-età, il-klassi soċjoekonomika u n-nazzjonalità u komparabbli fl-Istati Membri kif ukoll il-pubblikazzjoni f'waqtha tad-data u tal-istatistika*** miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar l-ambitu tat-traffikar tal-bnedmin fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika dwar it-traffikar tal-bnedmin kull sena b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex jittejjeb il-fehim ġenerali dwar il-fenomenu u biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji infurmati bid-data. Minħabba l-importanza li jkun hemm data statistika aġġornata kemm jista' jkun malajr, huwa xieraq li tiġi determinata d-data tal-applikazzjoni tal-

	artikolu dwar il-ġbir tad-data fl-aktar mument kmieni fiż-żmien, li huwa d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 105
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-ġbir ta' data ***akkurata*** u koerenti u l-pubblikazzjoni f'waqtha ***ta' data*** u ***statistika*** miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar l-ambitu tat-traffikar tal-bnedmin fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika dwar it-traffikar tal-bnedmin kull sena b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex jittejjeb il-fehim ġenerali dwar il-fenomenu u biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji infurmati bid-data. Minħabba l-importanza li jkun hemm data statistika aġġornata kemm jista' jkun malajr, huwa xieraq li tiġi determinata d-data tal-applikazzjoni tal-artikolu dwar il-ġbir tad-data fl-aktar mument kmieni fiż-żmien, li huwa d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.	(10) Il-ġbir ta' data ***preċiża*** u koerenti u l-pubblikazzjoni f'waqtha ***tad-data*** u ***tal-istatistika*** miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar l-ambitu tat-traffikar tal-bnedmin fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri***, f'kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-UE,*** biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika dwar it-traffikar tal-bnedmin kull sena b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex jittejjeb il-fehim ġenerali dwar il-fenomenu u biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji infurmati bid-data. Minħabba l-importanza li jkun hemm data statistika aġġornata kemm jista' jkun malajr, huwa xieraq li tiġi determinata d-data tal-applikazzjoni tal-artikolu dwar il-ġbir tad-data fl-aktar mument kmieni fiż-żmien, li huwa d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 106
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-ġbir ta' data ***akkurata*** u ***koerenti*** u l-pubblikazzjoni f'waqtha ***ta' data*** u ***statistika*** miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar l-ambitu tat-traffikar tal-bnedmin fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika dwar it-traffikar tal-bnedmin kull sena b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex jittejjeb il-fehim ġenerali dwar il-fenomenu u biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji infurmati bid-data. Minħabba l-importanza li jkun hemm data statistika aġġornata kemm jista' jkun malajr, huwa xieraq li tiġi determinata d-data tal-applikazzjoni tal-artikolu dwar il-ġbir tad-data fl-aktar mument kmieni fiż-żmien, li huwa d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.	(10) Il-ġbir ta' data ***preċiża, koerenti*** u ***dettaljata*** u l-pubblikazzjoni f'waqtha ***tad-data*** u ***tal-istatistika*** miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar l-ambitu tat-traffikar tal-bnedmin fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika dwar it-traffikar tal-bnedmin kull sena b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex jittejjeb il-fehim ġenerali dwar il-fenomenu u biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji infurmati bid-data. Minħabba l-importanza li jkun hemm data statistika aġġornata kemm jista' jkun malajr, huwa xieraq li tiġi determinata d-data tal-applikazzjoni tal-artikolu dwar il-ġbir tad-data fl-aktar mument kmieni fiż-żmien, li huwa d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 107
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Fid-dawl tal-Programm ta' Stokkolma u bil-għan li tiġi żviluppata strateġija konsolidata tal-Unjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin li jkollha l-għan li tkompli ssaħħaħ l-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri u l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu tali traffikar, l-Istati Membri, sabiex ifaħħru l-ħidma tajba tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar fil-koordinazzjoni tar-rispons tal-UE għat-traffikar tal-bnedmin u fl-iżvilupp tal-għarfien u s-sejbiet dwar id-diversi aspetti tat-traffikar tal-bnedmin,

inkluż ir-riċerka dwar id-dimensjoni tal-ġeneru u l-vulnerabbiltà partikolari tat-tfal, jenħtieġ li jiffaċilitaw il-kompiti ta' koordinatur kontra t-traffikar, li jistgħu jinkludu pereżempju t-titjib tal-koordinazzjoni u tal-koerenza, l-evitar tal-isforzi doppji bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji relatati tal-Unjoni kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-parteċipanti internazzjonali, b'mod li jingħata kontribut għall-iżvilupp ta' politiki u strateġiji eżistenti jew ġodda tal-Unjoni rilevanti għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin jew ir-rapportar lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 108
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin f'kuntesti ta' migrazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw miżuri komprensivi inkluż dijanjożi effiċjenti ta' każijiet tat-traffikar tal-bnedmin, monitoraġġ kostanti ta' dan il-fenomenu, l-għoti ta' appoġġ u protezzjoni lill-vittmi u l-għoti ta' taħriġ għall-persuni li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi.

Or. en

Emenda 109
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) L-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja fit-twettiq ta' kwalunkwe miżura biex jiġu miġġielda r-reati msemmija f'din id-Direttiva f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Or. en

Emenda 110
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Il-valutazzjoni ta' jekk il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jeħtiġux garanziji proċedurali speċjali u bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza, kif previst fir-Regolament UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament propost li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE] u d-Direttiva UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Proposta ta' Direttiva dwar l-istabbiliment tal-istandards għall-akkoljenza tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali], f'ċeri Stati Membri jew mhix prattikata jew inkella ssir b'mod parzjali.

Or. en

Emenda 111
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10c) L-Istati Membri kollha jeħtieġ li jikkonformaw mal-prinċipju ta' non-refoulement, li jipprojbixxi lill-Istati milli jittrasferixxu jew ineħħu individwi mill-ġuriżdizzjoni tagħhom jew mill-kontroll effettiv tagħhom meta jkun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li l-persuna tkun f'riskju ta' dannu irreparabbli ġaladarba tiġi ritornata, inkluż persekuzzjoni, tortura, trattament ħażin jew ksur serju ieħor tad-drittijiet tal-bniedem. Il-prinċipju ta' non-refoulement jorbot lill-Istati Membri kollha skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 112
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10d) L-assistenza u l-appoġġ għal żmien qasir mhumiex biżżejjed għall-vittmi tat-traffikar li jibżgħu minn persekuzzjoni jew ksur serju ieħor tad-drittijiet tal-bniedem u li ma jistgħux imorru lura lejn pajjiżhom. Tali persuni jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali kif previst fil-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u d-Direttiva UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Id-Direttiva proposta dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli

għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija], fid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew forom sussidjarji ta' protezzjoni fl-ambitu tad-dritt reġjonali jew nazzjonali. Dan jinvolvi protezzjoni kontra r-refoulement u f'xi każijiet, l-għoti ta' ażil, protezzjoni sussidjarja jew status ieħor ta' protezzjoni.

Or. en

Emenda 113
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10e) Inerenti fl-esperjenza tat-traffikar huma l-forom differenti ta' sfruttament qawwi bħal ħtif, inkarċerazzjoni, stupru, skjavitù sesswali, prostituzzjoni furzata, xogħol furzat, teħid ta' organi, swat fiżiku, ġuħ u privazzjoni ta' trattament mediku, fost l-oħrajn. Tali atti jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, li jaf jammonta għal persekuzzjoni u għaldaqstant, jiġġustifika l-għoti ta' Protezzjoni Internazzjonali lill-persuna kkonċernata.

Or. en

Emenda 114
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10f) Hemm għadd baxx ħafna ta' vittmi rreġistrati tat-traffikar tal-bnedmin fi

proċeduri ta' Protezzjoni Internazzjonali fl-Unjoni Ewropea. L-applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali li jiġu identifikati bħala vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jaf ikunu ġew imġiegħla li jibdlu mill-proċedura ta' ażil u jitolbu permess ta' residenza fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti f'xi Stati Membri.

Or. en

Emenda 115
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10g) Fid-dawl tal-kumplessitajiet tal-applikazzjonijiet għall-ażil tal-vittmi tat-traffikar, l-applikazzjonijiet tagħhom jenħtieġ li ma jiġux eżaminati fil-qafas ta' proċedura fuq il-fruntiera. Tali applikazzjonijiet jeħtieġu eżami sħiħ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti permezz tal-proċedura tal-ażil stabbilita f'konformità mar-Regolament UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Ir-Regolament propost li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE].

Or. en

Emenda 116
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10h) It-traffikar ta' individwi bejn il-fruntieri internazzjonali joħloq sitwazzjoni kumplessa, li teħtieġ analiżi wiesgħa li tqis id-diversi forom ta' ħsara li jkunu seħħew f'punti differenti tul ir-rotta tat-traffikar. In-natura kontinwa u interkonnessa tal-firxa ta' atti ta' persekuzzjoni involuti fil-kuntest tat-traffikar transnazzjonali jenħtieġ li tingħata l-kunsiderazzjoni xierqa.

Or. en

Emenda 117
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10i) Membri ta' ċerta razza jew grupp etniku f'pajjiż speċifiku jaf ikunu partikolarment vulnerabbli għat-traffikar u/jew protetti b'mod inqas effettiv mill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' oriġini. Għalhekk, il-vittmi jaf jisfaw fil-mira abbażi tal-etniċità, in-nazzjonalità jew il-fehmiet reliġjużi jew politiċi tagħhom, jew l-appartenenza tagħhom għal grupp soċjali partikolari.

Or. en

Emenda 118
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10j (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10j) Il-kriżijiet umanitarji jaggravaw l-esponiment tal-migranti, tar-rifuġjati u ta' dawk li jfittxu l-ażil għat-traffikanti. In-nuqqas ta' rotot sikuri u legali ta' migrazzjoni għal dawk li jfittxu l-ażil iżid il-vulnerabbiltà tagħhom għat-traffikar.

Or. en

Emenda 119
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10k (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10k) F'ċerti Stati Membri ma jeżistix approċċ ibbażat fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-vittmi fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet nazzjonali rigward il-ġlieda kontra t-traffikar. Ċerti Stati Membri jadottaw approċċ iffukat fuq il-prosekuzzjoni ta' reati matul il-proċess ta' identifikazzjoni, minflok approċċ iffukat fuq id-drittijiet u l-protezzjoni tal-vittma.

Or. en

Emenda 120
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10l (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10l) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu assistenza u appoġġ speċjali biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet speċifiċi tal-vittmi tat-traffikar. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jenħtieġ li

jipprovdu assistenza u appoġġ b'mod li jqis l-età, il-ġeneru u l-ħtiġijiet speċjali tal-vittmi tat-traffikar.

Or. en

Emenda 121
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10m (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10m) Jekk jiġu protetti u assistiti, ikun inqas probabbli li l-vittmi jaħarbu u jissograw li jiġu vittimizzati mill-ġdid u traffikati mill-ġdid, u aktarx li jkunu aktar lesti li jipparteċipaw volontarjament fi proċedimenti kriminali billi jagħtu evidenza kontra t-traffikanti, ġaladarba tinbena l-fiduċja fis-servizzi ta' appoġġ u fl-awtoritajiet.

Or. en

Emenda 122
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 10n (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10n) L-Istati Membri jenħtieġ li jintegraw il-miżuri kontra t-traffikar bħala parti minn kwalunkwe pjan ta' rispons ta' emerġenza, inkluż f'sitwazzjonijiet migratorji ta' kriżi, diżastri naturali, u kuntesti ta' pandemija. Tali miżuri jenħtieġ li jitwettqu mill-bidu ta' kwalunkwe kriżi u jenħtieġ li jinkludu miżuri għall-protezzjoni tat-tfal.

Or. en

Emenda 123
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Il-premessa 11 hija emendata kif ġej:
	(11) Sabiex jiġu ttrattati l-iżviluppi riċenti tal-fenomenu tat-traffikar tal-bnedmin, din id-Direttiva tadotta kunċett usa' ta' dak li għandu jiġi kkunsidrat bħala traffikar tal-bnedmin minn dak li hemm fid-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI u għaldaqstant tinkludi forom addizzjonali ta' sfruttament. Fil-kuntest ta' din id-Direttiva, l-elemosina furzata jenħtieġ li tiġi mifhuma bħala forma ta' xogħol furzat jew servizzi furzati kif definit fil-Konvenzjoni tal-ILO Nru 29 tal-1930 li tirrigwarda x-Xogħol Furzat jew Obbligatorju. Għalhekk, l-isfruttament tal-elemosina, inkluż l-użu ta' persuna traffikata dipendenti għall-elemosina, jaqa' biss fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni tat-traffikar tal-bnedmin meta jseħħu l-elementi kollha ta' xogħol furzat jew servizzi furzati. Fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti, il-validità ta' kwalunkwe kunsens possibbli biex jitwettaq tali xogħol jew servizzi jenħtieġ li tiġi evalwata fuq bażi ta' każ b'każ. Madankollu, fir-rigward tat-tfal, jenħtieġ li l-ebda kunsens ma jitqies validu. Il-fraži "sfruttament ta' attivitajiet kriminali" jenħtieġ li tinftiehem bħala l-isfruttament ta' persuna biex twettaq, inter alia, serq minn fuq persuni, serq mill-ħwienet, traffikar ta' droga u attivitajiet oħra simili li huma suġġetti għal pieni u li jimplikaw profitt finanzjarju. Id-definizzjoni tkopri wkoll it-traffikar tal-bnedmin għall-fini ta' teħid tal-organi, li jikkostitwixxi ksur serju tad-dinjità umana u tal-integrità fiżika, kif ukoll, pereżempju, atti oħra

bħall-adozzjoni illegali, iż-żwieġ furzat u l-maternità surrogata, safejn dawn jissodisfaw l-elementi kostituttivi tat-traffikar tal-bnedmin.

Or. en

Emenda 124
Loránt Vincze, François-Xavier Bellamy, Ivan Štefanec, György Hölvényi, Miriam Lexmann, Michaela Šojdrová

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Sabiex tiġi ċċarata inċertezza legali fid-definizzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, din id-Direttiva tadotta kunċett usa' ta' dak li jenħtieġ li jiġi kkunsidrat minn dak li hemm fid-Direttiva 2011/36/UE u fid-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI u għalhekk tinkludi forom addizzjonali ta' sfruttament. Il-kuntratt, normalment imsejjaħ maternità surrogata, li permezz tiegħu persuna fiżika jew ġuridika taqbel ma' mara li hi ġġorr tarbija bl-għan li tgħaddiha mat-twelid, irrispettivament mill-isem u t-termini u l-kundizzjonijiet ta' tali kuntratt, jitqies bħala traffikar tal-bnedmin, kemm tal-mara li ġġorr jew se ġġorr it-tarbija kif ukoll tat-tarbija.

Or. en

Emenda 125
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod	(12) Id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod

partikolari r-rispett u l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, il-projbizzjoni tal-iskjavitù, ix-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin, id-dritt għall-integrità tal-persuna, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew pieni inumani jew degradanti, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-għażla ta' okkupazzjoni u d-dritt għax-xogħol, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet, u l-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-prinċipji ta' legalità u l-proporzjonalità ta' reati u ta' pieni kriminali. B'mod partikolari, din id-Direttiva għandha l-għan li tiggarantixxi rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u l-prinċipji, li għandhom jiġu implimentati kif meħtieġ.

partikolari r-rispett u l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, il-projbizzjoni tal-iskjavitù, ix-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin, id-dritt għall-integrità ***fiżika u mentali*** tal-persuna, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew pieni inumani jew degradanti, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-għażla ta' okkupazzjoni u d-dritt għax-xogħol, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet, u l-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-prinċipji ta' legalità u l-proporzjonalità ta' reati u ta' pieni kriminali. B'mod partikolari, din id-Direttiva għandha l-għan li tiggarantixxi rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u l-prinċipji, li għandhom jiġu implimentati kif meħtieġ.

Or. en

Emenda 126
Abir Al-Sahlani, Sylvie Brunet

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-rispett u l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, il-projbizzjoni tal-iskjavitù, ix-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin, id-dritt għall-integrità tal-persuna, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew pieni inumani jew degradanti, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-għażla ta' okkupazzjoni u d-dritt għax-xogħol, l-ugwaljanza bejn ***in-nisa u***	(12) Id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-rispett u l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, il-projbizzjoni tal-iskjavitù, ix-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin, id-dritt għall-integrità tal-persuna, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew pieni inumani jew degradanti, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-għażla ta' okkupazzjoni u d-dritt għax-xogħol, l-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri***,

l-irġiel, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet, u l-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-prinċipji ta' legalità u l-proporzjonalità ta' reati u ta' pieni kriminali. B'mod partikolari, din id-Direttiva għandha l-għan li tiggarantixxi rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u l-prinċipji, li għandhom jiġu implimentati kif meħtieġ.

id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet, u l-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-prinċipji ta' legalità u l-proporzjonalità ta' reati u ta' pieni kriminali. B'mod partikolari, din id-Direttiva għandha l-għan li tiggarantixxi rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u l-prinċipji, li għandhom jiġu implimentati kif meħtieġ.

Or. en

Emenda 127
Loránt Vincze, François-Xavier Bellamy, Ivan Štefanec, György Hölvényi, Miriam Lexmann, Michaela Šojdrová

Proposta għal direttiva
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2019/2169 (INI)), li fil-paragrafu 32 tagħha tirrikonoxxi li "l-isfruttament sesswali għal skopijiet ta' maternità surrogata u skopijiet riproduttivi jew skopijiet bħaż-żwiġijiet sfurzati, il-prostituzzjoni u l-pornografija huwa inaċċettabbli u ksur tad-dinjità tal-bniedem u tad-drittijiet tal-bniedem". F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu (2020/2029 (INI)), fil-paragrafu 28 tagħha, li tikklassifika l-maternità surrogata bħala Traffiku tal-Bnedmin. F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2022 dwar l-impatt tal-gwerra kontra l-Ukrajna fuq in-nisa (2022/2633 (RSP)), li fiha "jissottolinja l-impatt serju tal-maternità surrogata fuq in-nisa, id-

drittijiet tagħhom u saħħithom, il-konsegwenzi negattivi għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-isfidi li jirriżultaw mill-implikazzjonijiet transfruntieri ta' din il-prattika, kif qed ikun il-każ għan-nisa u t-tfal affettwati mill-gwerra kontra l-Ukrajna; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinvestigaw id-dimensjonijiet ta' din l-industrija, il-kuntest soċjoekonomiku u s-sitwazzjoni tan-nisa tqal, kif ukoll il-konsegwenzi għas-saħħa fiżika u mentali tagħhom u għall-benesseri tat-trabi; jitlob l-introduzzjoni ta' miżuri vinkolanti biex tiġi indirizzata l-maternità surrogata, filwaqt li jiġu protetti d-drittijiet tan-nisa u tat-tfal li jkunu għadhom kemm twieldu".

Or. en

Emenda 128
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jinħatar kustodju għal tfal mhux akkumpanjati vittmi tat-traffikar tal-bnedmin biex jirrappreżentahom, jassistihom u jagħixxi f'isimhom sabiex jissalvagwardja l-aħjar interessi tagħhom u l-benesseri ġenerali tagħhom. Meta, f'konformità ma' din id-Direttiva, jkollhom jinħatru kustodju u/jew rappreżentant għat-tifel jew tifla, dawk ir-rwoli jistgħu jitwettqu mill-istess persuna jew minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità.

Or. en

Emenda 129
Abir Al-Sahlani, Yana Toom, Sylvie Brunet

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem "jew żwieġ furzat, jew ***adozzjoni illegali"*** fl-aħħar tal-paragrafu.	(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem "jew żwieġ furzat, ***adozzjoni illegali*** jew ***traffikar ta' tfal f'istituzzjonijiet"*** fl-aħħar tal-paragrafu***, u l-kliem "inkluż l-isfruttament tat-tfal biex iwettqu jew jipparteċipaw f'attivitajiet kriminali" jiżdied wara "jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali"***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-traffikar relatat mal-istituzzjonijiet huwa prattika komuni f'diversi Stati Membri, fejn il-bniet b'mod partikolari huma vulnerabbli li jitqiegħdu, jiġu akkomodati u jinżammu hemmhekk. Il-finanzjament ta' dawn l-istituzzjonijiet sikwit jiġi mingħand gvernijiet fl-istess Stat Membru jew oħrajn, għandu element transfruntiera ċar li jeħtieġ azzjoni fil-livell tal-UE, peress li l-Istati Membri ma jistgħux jindirizzawh waħedhom.

Barra minn hekk, l-isfruttament tat-tfal biex iwettqu attivitajiet kriminali jew jipparteċipaw fihom jenħtieġ li jiżdied, għax għandu element transfruntiera għax dawn il-gruppi kriminali joperaw f'diversi Stati Membri.

Emenda 130
Yana Toom, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied	(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied

il-kliem “jew żwieġ furzat, jew ***adozzjoni illegali”*** fl-aħħar tal-paragrafu.	il-kliem “jew żwieġ furzat, ***adozzjoni illegali*** jew ***traffikar ta’ tfal f’istituzzjonijiet”*** fl-aħħar tal-paragrafu***, u l-kliem “inkluż l-isfruttament tat-tfal biex iwettqu jew jipparteċipaw f’attivitajiet kriminali” jiżdied wara “jew l-isfruttament ta’ attivitajiet kriminali”***.

Or. en

Emenda 131
Loránt Vincze, François-Xavier Bellamy, Ivan Štefanec, György Hölvényi, Miriam Lexmann, Michaela Šojdrová

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem “jew żwieġ furzat, jew adozzjoni illegali” fl-aħħar tal-paragrafu.	(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem “jew żwieġ furzat, jew adozzjoni illegali”***, “jew l-isfruttament tan-nisa għal finijiet riproduttivi permezz ta’ maternità surrogata”*** fl-aħħar tal-paragrafu.

Or. en

Emenda 132
Peter Pollák

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem “jew żwieġ furzat, jew adozzjoni illegali” fl-aħħar tal-paragrafu.	(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem “jew żwieġ furzat, ***inkluż żwieġ li jinvolvi t-tfal, maternità surrogata*** jew adozzjoni illegali” fl-aħħar tal-paragrafu.

Or. en

Emenda 133
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem "jew żwieġ furzat, jew adozzjoni ***illegali"*** fl-aħħar tal-paragrafu.	(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem "jew żwieġ furzat, jew adozzjoni ***illegali, jew maternità surrogata, jew bejgħ ta' tfal"*** fl-aħħar tal-paragrafu.

Or. en

Emenda 134
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem "jew żwieġ furzat, jew adozzjoni ***illegali"*** fl-aħħar tal-paragrafu.	(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem "jew żwieġ furzat, jew adozzjoni ***illegali jew traffikar f'istituzzjonijiet"*** fl-aħħar tal-paragrafu.

Or. en

Emenda 135
Annika Bruna, Jean-Paul Garraud, Margarita de la Pisa Carrión, Mathilde Androuët, Philippe Olivier, Balázs Hidvéghi, Anders Vistisen, Maria Veronica Rossi, Patricia Chagnon, Cristian Terheş, Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem "jew żwieġ furzat, jew ***adozzjoni illegali"*** fl-aħħar tal-paragrafu.	(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem "jew żwieġ furzat, ***adozzjoni illegali*** jew ***maternità surrogata"*** fl-aħħar tal-paragrafu.

Or. en

Emenda 136
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem "jew żwieġ furzat, ***jew adozzjoni illegali"*** fl-aħħar tal-paragrafu.	(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, jiżdied il-kliem "jew żwieġ furzat, ***adozzjoni illegali u maternità surrogata"*** fl-aħħar tal-paragrafu.

Or. en

Emenda 137
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, is-sentenza li ġejja tiżdied fi tmiem il-paragrafu:
	Fir-rigward tal-inklużjoni ta' "żwieġ sfurzat, jew adozzjoni illegali, jew maternità surrogata, jew bejgħ ta' tfal" bħala forom tat-traffikar tal-bnedmin, il-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri

għandhom jiġu rispettati, b'mod partikolari rigward id-definizzjoni ta' żwieġ u l-kundizzjonijiet għaż-żwieġ u għall-adozzjoni.

Or. en

Emenda 138
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, il-kliem "inkluża l-pornografija" jiżdied wara "forom oħra ta' sfruttament sesswali".

Or. en

Emenda 139
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-isfruttament għandu jinkludi, bħala minimu, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi furzati, inkluż l-elemosina, l-iskjavitù jew prattika simili għall-iskjavitù, is-servitù jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali, jew it-	"***3.*** L-isfruttament għandu jinkludi, bħala minimu, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi furzati, inkluż l-elemosina, l-iskjavitù jew prattika simili għall-iskjavitù, is-servitù jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali, jew it-teħid ta' organi. ***Għandu jinkludi wkoll***

teħid ta' organi.

każijiet ta' interazzjoni fiżika u atti intimi mwettqa b'mod remot permezz tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni."

Or. en

(32011L0036)

Emenda 140
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	6a. L-isfruttament imsemmi f'dan l-Artikolu għandu jinkludi atti mwettqa b'mod remot permezz tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 141
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"6a. L-isfruttament imsemmi f'dan l-Artikolu jenħtieġ li jinkludi każijiet ta' interazzjoni fiżika u atti mwettqa b'mod

remot permezz tal-użu ħażin tat-teknoloġija u ta' mezzi elettroniċi."

Or. en

Emenda 142
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2b
	Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu riżorsi adegwati u faċilitajiet speċjalizzati għall-vittmi reali u prežunti tat-traffikar, inklużi nisa, minorenni mhux akkumpanjati u separati, u għandhom jiżguraw postijiet sikuri fil-postijiet ta' kenn; L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-preżenza ta' persunal imħarreġ dwar kwistjonijiet tal-ġeneru fil-faċilitajiet ta' akkoljenza u jipprovdu appoġġ u finanzjament adegwati lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu magħhom.
	2. L-Istati Membri għandhom awtomatikament jipprovdu ażil lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin; ir-ritorni huma problematiċi, peress li jista' jkun diffiċli għall-persuni rimpatrijati li jidħlu fil-komunità domestika u fl-aghar każ, il-vittmi jistgħu saħansitra jiġu ttraffikati mill-ġdid jew ikkastigati u ddiskriminati.
	3. L-Istati Membri għandhom iqisu l-każijiet speċjali; pereżempju: avvenimenti sportivi kbar iżidu t-traffikar tal-bnedmin, u għaldaqstant l-Istati Membri jeħtiġilhom jieħdu l-miżuri kollha ta' azzjoni preventiva.

Or. en

Emenda 143
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2a, tiżdied is-sentenza li ġejja:
(a) ikun twettaq kontra vittma li kienet partikolarment vulnerabbli, li fil-kuntest ta' din id-Direttiva, għandha tinkludi għall-inqas ***vittmi*** tfal;	(a) ikun twettaq kontra vittma li kienet partikolarment vulnerabbli, li fil-kuntest ta' din id-Direttiva, għandha tinkludi għall-inqas ***lill-vittmi*** tfal ***u lill-persuni fi stat ta' diżabilità fiżika, mentali, intellettwali jew sensorjali***;

Or. en

(Direttiva 2011/36/UE)

Emenda 144
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2, il-punt (a) jiġi sostitwit b'dan li ġej:
	(a) ikun twettaq kontra vittma li kienet partikolarment vulnerabbli, li fil-kuntest ta' din id-Direttiva, għandha tinkludi għall-inqas lil vittmi tfal u vittmi f'sitwazzjoni ta' dipendenza jew stat ta' diżabilità fiżika, mentali, intellettwali jew sensorjali;

Or. en

Emenda 145
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2, jiddaħħal inċiż ġdid:
	(aa) (ġdid) ikun twettaq bit-tqegħid ta' tifel jew tifla f'istituzzjonijiet residenzjali jew ta' tip magħluq jew bit-tehid ta' vantaġġ mill-vulnerabbiltà tat-tfal li diġà jgħixu f'dawn l-istituzzjonijiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-koerenza mal-Artikolu 2.3 u l-Artikolu 18a.

Emenda 146
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2, jiżdied punt ġdid wara (d):
	"(da) ikun twettaq bl-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni jew tal-komunikazzjoni billi jiġu kondiviżi jew issir theddida li jiġu kondiviżji immaġnijiet, videos jew materjal ieħor marbut mal-isfruttament tal-vittma ma' utenti oħra jew jintbagħtu messaġġi bl-intenzjoni li l-vittma tinżamm

f'sitwazzjoni ta' sfruttament, li l-vittma titpoġġa f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, li tiġi kkawżata ħsara psikoloġika jew li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-Artikolu 2a u l-Artikolu 18a proposti mill-Kummissjoni.

Emenda 147
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 - paragrafu 2 - punti da, db u dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2, jiżdiedu l-punti (da), (db) u (dc) li ġejjin:
	"(da) ir-reat ikun twettaq billi l-vittma twasslet li tieħu, tuża jew tiġi affettwata minn drogi, alkoħol jew sustanzi oħra li jikkawżaw intossikazzjoni;
	(db) ir-reat wassal għall-mewt tal-vittma jew għal dannu fiżiku jew psikoloġiku sever għall-vittma;
	(dc) l-awtur tar-reat ikun diġà nstab ħati ta' reati tal-istess natura."

Or. en

Emenda 148
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	e) ikun twettaq permezz tal-ħolqien ta' kontenut sesswalment espliċitu li juri vittma tat-traffikar u kondiviż permezz tat-teknoloġija u ta' mezzi elettroniċi ma' udjenza usa'.

Or. en

Emenda 149
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2, jiżdied il-punt e) li ġej:
	"e) ikun twettaq billi l-vittma twasslet li tieħu, tuża jew tiġi affettwata minn drogi, alkoħol jew sustanzi oħra li jikkawżaw intossikazzjoni"

Or. en

Emenda 150
Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt e (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
Test propost mill-Kummissjoni	***" (e) ikun twettaq permezz tal-ħolqien ta' kontenut sesswalment espliċitu li juri vittma tat-traffikar u kondiviż permezz tat-teknoloġija u ta' mezzi elettroniċi ma' udjenza usa".***

Or. en

https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF

Emenda 151
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(e) l-awtur tar-reat ikun diġà nstab ħati ta' reati tal-istess natura."

Or. en

Emenda 152
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	f) ikun twettaq f'kuntesti ta' migrazzjoni b'mod partikolari dawk l-atti mwettqa b'mod li jesponu lill-persuni għal periklu għall-ħajjithom jew għas-sigurtà tagħhom jew li jissoġġettahom għal trattament inuman jew degradanti.

Or. en

Emenda 153
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 4, jiżdied il-punt (f) li ġej:
	"f) twettaq permezz tal-ħolqien ta' kontenut sesswalment espliċitu li juri vittma tat-traffikar u kondiviż permezz ta' mezzi elettroniċi ma' udjenza usa."

Or. en

Emenda 154
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 4, jiżdied paragrafu ġdid:
	"4a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, apparti l-pieni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-atti bi ħsieb u l-mezzi msemmija fl-Artikolu 2(1), u l-isfruttament kif deskritt fl-Artikolu 2(3) ikunu punibbli b'multi proporzjonati għall-gravità u għat-tul ta' żmien tal-ħsara kkawżata lill-vittma tat-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll għall-benefiċċji finanzjarji akkumulati mit-twettiq tar-reat."

Or. en

Emenda 155
Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 4, jiżdied paragrafu ġdid:
	(4a) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reat imsemmi fl-Artikoli 2 jew 3 jinvolvi t-telf ta' kwalunkwe permess ta' residenza Ewropew jew nazzjonali u deportazzjoni immedjata għal ċittadini mhux tal-UE wara l-infurzar strett tal-pieni.

Or. en

Emenda 156
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2d (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2d) Jiżdied l-Artikolu 4b li ġej:
	"Responsabbiltà ta' persuni fiżiċi
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jwettqu reat imsemmi fl-Artikolu 2 jistgħu jinżammu responsabbli fl-ambitu tad-dritt ċivili, meta jkun rilevanti, għal kwalunkwe ħsara jew dannu li jikkawżaw bħala riżultat ta' dak ir-reat, u, f'konformità mad-dritt nazzjonali, jistgħu jintalbu jikkumpensaw lill-persuni li jkunu sofrew dik il-ħsara jew dak id-dannu."

Or. en

Emenda 157
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 5 – paragrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) fl-Artikolu 5, il-paragrafi 1 u 2 huma emendati kif ġej:
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikolu 2, 3 u 18a mwettqa għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, ibbażata fuq:
	(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;
	(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew
	(c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, tkun għamlet possibbli t-twettiq tar-reati msemmija fl-Artikoli 2, 3 u 18a għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-Artikolu 6 propost mill-Kummissjoni.

Emenda 158
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2e (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 5 – paragrafi 2a (ġdid) u 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2e) Fl-Artikolu 5, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:
	"2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ġuridiċi li jwettqu reat imsemmi fl-Artikolu 2 jistgħu jinżammu responsabbli skont il-liġi ċivili, meta rilevanti, għal kwalunkwe ħsara jew dannu li jikkawżaw bħala riżultat ta' dak ir-reat, u, f'konformità mad-dritt nazzjonali, jistgħu jiġu mitluba jikkumpensaw lill-persuni li jkunu ġarrbu dik il-ħsara jew dak id-dannu.
	2b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi online jistgħu jinżammu responsabbli fl-ambitu tal-liġi ċivili jekk jonqsu milli jneħħu minnufih kontenut illegali relatat mat-traffikar tal-bnedmin, meta tali kontenut jiġi rrapportat mill-utenti jew identifikat mill-monitoraġġ fuq inizjattiva proprja tal-pjattaformi."

Or. en

Emenda 159
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fl-Artikolu 5, jiżdied paragrafu ġdid:
	"4a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni

ġuridiċi li joperaw, jamministraw jew jikkontrollaw siti web li joffru servizzi sesswali, irrispettivament mill-post ta' reġistrazzjoni legali tagħhom, jistgħu jinżammu responsabbli għar-reklamar ta' minorenni għal servizzi sesswali fuq il-siti web tagħhom."

Or. en

Emenda 160
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Paragrafu 5 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) fl-Artikolu 5, jiddaħħal paragrafu ġdid:
	"4a (ġdid) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni ġuridiċi li joperaw, jamministraw jew jikkontrollaw siti web li joffru servizzi sesswali, irrispettivament mill-post ta' reġistrazzjoni legali tagħhom, jistgħu jinżammu responsabbli għar-reklamar ta' minorenni għal servizzi sesswali fuq is-siti web tagħhom"

Or. en

Emenda 161
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2d (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2d) wara l-Artikolu 5 jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 5a

Miżuri biex jiġi miġġieled it-traffikar iffaċilitat mit-teknoloġiji

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-pjattaformi online, kif definiti fl-Artikolu 3(i) tar-Regolament 2022/2065 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, irrispettivament mill-post ta' reġistrazzjoni legali tagħhom, u li s-servizzi tagħhom qed jintużaw biex jiffaċilitaw jew iwettqu atti fit-territorju tal-Istati Membri, iwettqu l-miżuri li ġejjin:

a. Jimplimentaw mekkaniżmi ta' verifika tal-età għal, tal-inqas:

i) persuni li jżuru siti web b'kontenut sesswalment espliċitu;

ii) individwi li jtellgħu kontenut f'siti b'riskju ogħla, bħal pereżempju siti ta' servizzi sesswali jew siti pornografiċi;

iii) individwi murija f'materjal sesswalment espliċitu;

b. Jimplimentaw mekkaniżmi ta' verifika tal-kunsens għall-individwi murija f'kontenut pornografiku u sesswalment espliċitu li jittella' fuq kwalunkwe pjattaforma online qabel id-distribuzzjoni tiegħu;

c. Jimplimentaw mekkaniżmi ċari u aċċessibbli għall-pubbliku ta' talba għat-tneħħija tal-kontenut għal materjal sesswalment espliċitu mhux konsenswali."

Or. en

Emenda 162
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2011/36/UE

Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fl-Artikolu 7, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-assi kkonfiskati jintużaw biex jiffinanzjaw is-servizzi għall-vittmi u jinvestu aktar fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' traffikar."

Or. en

Emenda 163
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 7 – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu intitolati li jittraċċaw, jiffriżaw, jimmaniġġaw u jikkonfiskaw, f'konformità mad-Direttiva EU/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Direttiva Proposta dwar l-irkupru u l-konfiska ta' assi][32], ir-rikavat derivat minn, u l-istrumenti użati jew maħsuba li jintużaw għat-twettiq, jew il-kontribuzzjoni għat-twettiq, tar-reati msemmija f'din id-Direttiva.	***1.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu intitolati li jittraċċaw, jiffriżaw, jimmaniġġaw u jikkonfiskaw, f'konformità mad-Direttiva EU/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Direttiva Proposta dwar l-irkupru u l-konfiska ta' assi][32], ir-rikavat derivat minn, u l-istrumenti użati jew maħsuba li jintużaw għat-twettiq, jew il-kontribuzzjoni għat-twettiq, tar-reati msemmija f'din id-Direttiva. ***2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-istrumenti u r-rikavat iffriżati u kkonfiskati mir-reati msemmija fl-Artikolu 2 jintużaw, bħala kwistjoni ta' prijorità, biex jipprovdu appoġġ, assistenza u protezzjoni lill-vittmi, inkluż permezz ta' kumpens dirett lill-vittmi. Meta ma jkunx possibbli li jintużaw***

strumenti u rikavat ffriżati u kkonfiskati biex jingħata appoġġ, assistenza u protezzjoni direttament lill-vittmi kkonċernati mir-reati msemmija fl-Artikolu 2, l-assi ffriżati u kkonfiskati għandhom jintużaw għal skopijiet soċjali, b'mod partikolari billi jiġu assenjati lil organizzazzjonijiet li jwettqu ħidma ta' interess soċjali biex jassistu u jappoġġaw lill-vittmi tat-traffikar. L-assi ffriżati u kkonfiskati ma għandhomx jikkostitwixxu l-uniku mezz biex jiġu provduti kumpens, appoġġ, jew assistenza lill-vittmi. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fond nazzjonali ddedikat għall-vittmi tat-traffikar.

[32] COM (2022) 245.

[32] COM (2022) 245.

Or. en

Emenda 164
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 7 – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu intitolati li jittraċċaw, jiffriżaw, jimmaniġġaw u jikkonfiskaw, f'konformità mad-Direttiva EU/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Direttiva Proposta dwar l-irkupru u l-konfiska ta' assi][32], ir-rikavat derivat minn, u l-istrumenti użati jew maħsuba li jintużaw għat-twettiq, jew il-kontribuzzjoni għat-twettiq, tar-reati msemmija f'din id-Direttiva.	***Fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu li ġej:***
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-

awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu intitolati li jittraċċaw, jiffriżaw, jimmaniġġaw u jikkonfiskaw, f'konformità mad-Direttiva EU/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Direttiva Proposta dwar l-irkupru u l-konfiska ta' assi][32], ir-rikavat derivat minn, u l-istrumenti użati jew maħsuba li jintużaw għat-twettiq, jew il-kontribuzzjoni għat-twettiq, tar-reati msemmija f'din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ireġġgħu lura l-oneru tal-provi sabiex jiffaċilitaw l-iffriżar u l-konfiska fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 2 u 3.

[32] COM (2022) 245.

[32] COM (2022) 245.

Or. en

Emenda 165
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Nonprosekuzzjoni u nonapplikazzjoni tal-pieni għall-vittmi
	1. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ma jeskludux vittmi tat-traffikar tal-bnedmin mill-miżuri ta' appoġġ, jew jipproċedu kontrihom jew jimponu penali amministrattivi jew pieni kriminali fuq vittmi tat-traffikar tal-

bnedmin minħabba l-istatus tar-residenza, tal-immigrazzjoni jew tax-xogħol, jew minħabba l-involviment tagħhom f'attivitajiet li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza li jkunu ġew suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll id-deċiżjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar u l-appoġġ għalihom, inkluż permezz tar-regolarizzazzjoni tal-istatus tar-residenza, tal-migrazzjoni jew tax-xogħol tagħhom, ma jkunux kundizzjonali fuq il-kooperazzjoni tal-vittmi fl-investigazzjoni kriminali, il-prosekuzzjoni jew il-proċess għal reati relatati mas-sitwazzjoni tagħhom bħala persuni ttraffikati.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ma jiġux detenuti jew akkużati jew ma jipproċedux kontrihom b'reati amministrattivi jew kriminali jew jiġu eskużi minn miżuri ta' appoġġ minħabba d-deċiżjoni tagħhom li ma jikkooperawx mal-awtoritajiet tal-investigazzjoni jew ta' prosekuzzjoni."

Or. en

Emenda 166
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Nonprosekuzzjoni u nonapplikazzjoni

tal-pieni għall-vittmi

1. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu intitolati li ma jipproċedux kontra vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li ma jimponux pieni fuqhom għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċerna l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 tittieħed wara valutazzjoni individwali minn uffiċjali mħarrġa u kwalifikati.

3. Fil-każ ta' tfal involuti f'attivitajiet illegali billi jiġu mġiegħla jikkommettuhom bħala konsegwenza diretta li jkunu soġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2, għandhom jittieħdu proċeduri speċjali mill-Istati Membri biex jiddeterminaw jekk id-detenzjoni, il-prosekuzzjoni u l-applikazzjoni ta' kwalunkwe piena għall-involviment tagħhom humiex meħtieġa."

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza. Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.

Emenda 167
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Artikolu 8 Assenza ta' kastig għall-vittma
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, inklużi dispożizzjonijiet penali speċifiċi u linji gwida għall-prosekuzzjoni, biex jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ma jinżammux responsabbli skont il-liġi kriminali, ċivili jew amministrattiva, u ma jiġux detenuti, akkużati, jew ikkastigati b'xi mod ieħor jew ma jipproċedux kontrihom għall-involviment tagħhom f'attivitajiet illegali, inklużi attivitajiet kriminali sal-punt li tali involviment ikun konsegwenza diretta tas-sitwazzjoni tagħhom bħala vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.
	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe proċediment kontra vittma tat-traffikar tal-bnedmin jitwaqqaf u kwalunkwe restrizzjoni tad-drittijiet tal-vittmi inkluża ċ-ċaħda tal-libertà tintemm, meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu sabu raġunijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-assenza ta' kastig.
	***3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-rekords tal-pulizija u r-rekords kriminali tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jiġu mħassra u kwalunkwe sanzjoni, inklużi multi jew sanzjonijiet amministrattivi oħra, jiġu kkanċellati, meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu naqsu b'mod inġust milli japplikaw id-dispożizzjoni tal-assenza ta' kastig, u jkun inbeda proċediment kriminali, ċivili**

jew amministrattiv jew tkun inħarġet sentenza kontra vittma.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-assenza ta' kastig ma tkunx kundizzjonali fuq il-kooperazzjoni tal-vittma fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew il-proċess kriminali.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċerna l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-assenza ta' kastig tittieħed wara valutazzjoni individwali minn uffiċjali mħarrġa u kwalifikati."

Or. en

Emenda 168
Yana Toom, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	Nonprosekuzzjoni u nonapplikazzjoni tal-pieni għall-vittmi
	***1. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ma jiġux detenuti, akkużati, jew immultati jew li ma jipproċedux kontrihom minħabba l-illegalità tad-dħul jew tar-residenza tagħhom fl-Istati Membri ta' tranżitu jew ta' destinazzjoni jew minħabba ksur ieħor tal-liġi dwar l-immigrazzjoni, jew minħabba l-involviment tagħhom f'attivitajiet illegali sal-punt li tali**

	involviment huwa konsegwenza diretta li jkunu ġew suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2.
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri u l-proċessi jkunu fis-seħħ għar-riċeviment u l-kunsiderazzjoni ta' talbiet għall-ażil minn vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u li l-prinċipju ta' non-refoulement jiġi rispettat u jinżamm f'kull ħin, irrispettivament mill-illegalità tad-dħul jew tar-residenza fi Stati Membri ta' tranżitu jew ta' destinazzjoni jew ksur ieħor tal-liġi dwar l-immigrazzjoni u irrispettivament mill-istatus tal-persuna, bħal dawk mingħajr dokumenti jew apolidi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa għall-koerenza mal-emendi 5 u 11.

Emenda 169
Patricia Chagnon

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
DIRETTIVA 2011/36/UE
Artikolu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	3a L-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:
Artikolu 8	"Artikolu 8
Nonprosekuzzjoni u ***nonapplikazzjoni*** tal-pieni għall-vittmi	***Non-prosekuzzjoni*** u ***non-applikazzjoni*** tal-pieni għall-vittmi
L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ***jiżguraw li*** l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***jkunu intitolati*** li ma jipproċedux kontra l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li ma jimponux ***pieni*** fuqhom għall-involviment tagħhom f'attivitajiet	***1.*** L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***jkollhom id-dritt*** li ma jipproċedux kontra l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li ma jimponux ***sanzjonijiet*** fuqhom għall-involviment tagħhom f'atti

kriminali li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li ***jkunu*** suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2.	***illegali*** li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li ***kienu*** suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2***, iwaqqfu b'hekk kwalunkwe proċediment kontra l-vittma, itemmu kwalunkwe restrizzjoni tad-drittijiet tal-vittmi, jikkanċellaw pieni relatati u jħassru mill-fedini penali u r-rekords kriminali tagħhom atti li huma jkunu wettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li kienu suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2***. ***2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 jiddependu fuq ir-rieda tal-vittma li tikkoopera f'investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet jew proċessi kriminali.*** ***3. Fil-każ tat-tfal, il-prinċipju ta' projbizzjoni tad-detenzjoni, il-prosekuzzjoni u l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet għall-involviment furzat tagħhom f'attivitajiet illegali f'xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2 għandu jiġu nnotat. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ġuriżdizzjoni speċifika għall-minorenni jekk din ma tkunx diġà teżisti.***

Or. fr

(DIRETTIVA 2011/36/UE)

Emenda 170
Maria Walsh, Lena Düpont

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(3a) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu intitolati li ma jipproċedux kontra l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li ma jimponux pieni fuqhom għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew ***sfurzati jwettqu*** bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2.	***"1.*** L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***maħtura*** jkunu intitolati li ma jipproċedux kontra l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li ma jimponux pieni fuqhom għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew ***sfruttati biex iwettqu*** bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2. ***2. F'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, il-prinċipju tal-protezzjoni tal-vittmi u d-dritt għal aċċess effettiv għall-ġustizzja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' appoġġ u prevenzjoni japplikaw għall-vittmi kollha sabiex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni tagħhom.*** ***3. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi kompetenti, b'mod partikolari dawk li diġà għandhom rabta ta' fiduċja mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi Ewropej u nazzjonali, sabiex jappoġġaw rabta bejn il-vittmi u l-infurzar tal-liġi fir-rigward tas-sinifikat tax-xhieda tal-vittmi u l-volontà tagħhom li jikkooperaw għall-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe att imsemmi fl-Artikoli 2 u 3."***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 171
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 8, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:
L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu intitolati li ma jipproċedux kontra l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li ma jimponux pieni fuqhom għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2.	"***1***. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu intitolati li ma jipproċedux kontra l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li ma jimponux pieni fuqhom għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2.
	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jieħdu d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 skont il-kooperazzjoni effiċjenti tal-vittma fl-investigazzjoni kriminali, il-prosekuzzjoni jew il-proċess, jekk din il-kundizzjonalità titqies meħtieġa għall-prosekuzzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.
	3. F'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, il-prinċipju tal-protezzjoni tal-vittmi u d-dritt għal aċċess effettiv għall-ġustizzja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' appoġġ u prevenzjoni japplikaw għall-vittmi kollha sabiex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni tagħhom.
	4. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi kompetenti, li diġà għandhom rabta ta' fiduċja stabbilita mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi Ewropej u nazzjonali, sabiex jappoġġaw rabta bejn il-vittmi u l-infurzar tal-liġi fir-rigward tas-sinifikat tax-xhieda tal-vittmi u l-volontà tagħhom li jikkooperaw għall-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe att imsemmi fl-Artikoli 2 u 3."

Or. en

(32011L0036)

Emenda 172
Patricia Chagnon

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	L-Artikolu 8 (ġdid) Allegati vittmi għandhom jaħdmu mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri biex jgħinu fl-eliminazzjoni gradwali tan-networks kriminali. Fil-każ ta' kollaborazzjoni, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-allegati vittmi ma jiġux imħarrka fi proċedimenti kriminali u amministrattivi. Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi riveduta d-Direttiva 2011/36/UE sabiex jiġi żgurat li n-non-prosekuzzjoni, in-non-applikazzjoni ta' sanzjonijiet u l-assistenza lill-vittmi jkunu jiddependu fuq il-kooperazzjoni tagħhom fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew il-proċess kriminali.

Or. fr

Emenda 173
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 9 − paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3 huwa

sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 jkunu mħarrġa kif meħtieġ. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi tat-traffikar, bħall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-persunal tal-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u s-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzati kif ukoll l-awtoritajiet ġudizzjarji, jirċievu taħriġ ibbażat fuq l-evidenza u informazzjoni mmirata fuq livell xieraq għall-kuntatti tagħhom mal-vittmi, biex ikunu jistgħu jidentifikaw, jipprevjenu u jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin u jevitaw ir-rivittimizzazzjoni. Tali taħriġ għandu jiġi żviluppat f'konsultazzjoni mas-servizzi speċjalizzati ta' appoġġ għan-nisa u s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi tat-traffikar, u għandu jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u tat-tfal, iċċentrat fuq il-vittma, sensittiv għall-ġeneru, għad-diżabilità, għall-etniċità, għal-lingwa u għat-tfal u informat dwar it-trawmi."

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 9, il-paragrafu 3 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza. Tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.

Emenda 174
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 9 − paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(3a) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-persuni, ***unitajiet*** jew ***servizzi*** responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 jkunu mħarrġa kif meħtieġ.	***"***3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-persuni, ***l-unitajiet*** jew ***is-servizzi*** responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 jkunu mħarrġa kif meħtieġ. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ħolqien ta' unitajiet speċjalizzati fil-ġlieda kontra t-traffikar fil-forzi tal-pulizija u l-prosekuzzjoni tal-Istati Membri."***

Or. en

(Direttiva 2011/36/UE)

Emenda 175
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2011/36
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:
	***4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li għodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati gravi jkunu disponibbli lill-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikoli 2, 2a u 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-**

miżuri meħuda għad-detezzjoni, il-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2, 2a u 3 jkunu proporzjonati għar-reat imwettaq jew l-akkuża kontra l-persuna kkonċernata, u jiġu ordnati mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali stabbiliti skont il-liġi nazzjonali, u l-garanziji previsti skont l-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikolu 2a jirrispettaw id-drittijiet tal-vittmi għall-privatezza.

Or. en

Emenda 176
Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 9

Test fis-seħħ	*Emenda*
	L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ma jkunux dipendenti fuq ir-rapport jew l-akkuża magħmula mill-vittma u li l-proċedimenti kriminali jistgħu jkomplu wkoll jekk il-vittma tkun irtirat l-istqarrija tagħha**.** 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu, meta n-natura tal-każ hekk titlob, il-prosekuzzjoni ta' reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3 għal perijodu ta' żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri. 3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-	***"1.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ma jkunux dipendenti fuq ir-rapport jew l-akkuża magħmula mill-vittma ***jew mir-rappreżentant legali tagħha*** u li l-proċedimenti kriminali jistgħu jkomplu wkoll jekk il-vittma tkun irtirat l-istqarrija ***ta' akkuża formali*** tagħha.

prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 jkunu mħarrġa kif meħtieġ. 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li għodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati gravi jkunu disponibbli lill-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu, meta n-natura tal-każ hekk titlob, il-prosekuzzjoni ta' reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3 għal perijodu ta' żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri. 3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 jkunu mħarrġa kif meħtieġ***, b'mod sensittiv għall-ġeneru.*** 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li għodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati gravi jkunu disponibbli lill-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.*"*

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX%3A32011L0036)

Emenda 177
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE

Artikolu 9

Test fis-seħħ	*Emenda*
	L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ma jkunux dipendenti fuq ir-rapport jew l-akkuża magħmula mill-vittma u li l-proċedimenti kriminali jistgħu jkomplu wkoll jekk il-vittma tkun irtirat l-istqarrija tagħha.	"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ma jkunux dipendenti fuq ir-rapport jew l-akkuża magħmula mill-vittma ***jew mir-rappreżentant legali tagħha*** u li l-proċedimenti kriminali jistgħu jkomplu wkoll jekk il-vittma tkun irtirat l-istqarrija ***ta' akkuża formali*** tagħha.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu, meta n-natura tal-każ hekk titlob, il-prosekuzzjoni ta' reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3 għal perijodu ta' żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu, meta n-natura tal-każ hekk titlob, il-prosekuzzjoni ta' reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3 għal perijodu ta' żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri.
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 jkunu mħarrġa kif meħtieġ.	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 jkunu mħarrġa kif meħtieġ, ***b'mod sensittiv għall-ġeneru***.
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li għodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati gravi jkunu disponibbli lill-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li għodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati gravi jkunu disponibbli lill-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.
	5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-pieni kkawżati minn reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3 jitnaqqsu f'każ ta' rieda volontarja tal-utent li jikkoopera fl-investigazzjoni.
	6. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu intitolati li

ma jipproċedux kontra persuna akkużata jew li ma jimponux pieni għal reat imsemmi fl-Artikolu 18a(1), jekk tali persuna tikkoopera mal-awtoritajiet u x-xhieda li tingħata tkun ta' valur sostanzjali għall-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3."

Or. en

(32011L0036)

Emenda 178
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fl-Artikolu 11, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
	Assistenza, appoġġ u protezzjoni għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin

Or. en

Emenda 179
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(3b) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li ***tkun ipprovduta għajnuna*** lill-vittmi qabel,	***"***1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li ***jkunu pprovduti assistenza u appoġġ*** lill-vittmi

waqt u għal perijodu xieraq ta' żmien wara l-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali sabiex tippermettilhom jeżerċaw id-drittijiet stipulati fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI, u f'din id-Direttiva.	qabel, waqt u għal perijodu xieraq ta' żmien wara l-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali sabiex tippermettilhom jeżerċaw id-drittijiet stipulati fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI, u f'din id-Direttiva. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkollhom aċċess għall-assistenza mingħajr ħlas u f'lingwa li jistgħu jifhmu."***

Or. en

(DIRETTIVA 2011/36/UE)

Emenda 180
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jingħataw assistenza u appoġġ, qabel, matul u għall-perjodu ta' żmien xieraq iddeterminat mill-Istati Membri wara l-konklużjoni ta' proċedimenti kriminali abbażi ta' valutazzjoni individwali.

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 11, il-paragrafu 1 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza. Tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.

Emenda 181
Patricia Chagnon

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4a) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 11	"Artikolu 11
Assistenza u appoġġ għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin	Assistenza u appoġġ għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ***jiżguraw li l-vittmi jingħataw*** assistenza u appoġġ, qabel, matul u għal perijodu ta' żmien adatt wara ***l-konklużjoni ta' proċedimenti*** kriminali ***sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/ĠAI, u f'din id-Direttiva***.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ***jagħtu*** assistenza u appoġġ, qabel, matul u għal perijodu ta' żmien adatt wara ***l-proċedimenti*** kriminali ***u wara, jekk applikabbli, jakkumpanjaw b'mod prijoritarju lill-vittmi li jkunu nġiebu fit-territorju ta' Stat Membru, bi żball jew b'forza, lejn pajjiżhom ta' oriġini***."

Or. fr

(Direttiva 2011/36/UE)

Emenda 182
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1d (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li ***tkun ipprovduta għajnuna*** lill-vittmi qabel, waqt u għal perijodu xieraq ta' żmien wara l-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali sabiex tippermettilhom jeżerċaw id-	***"1.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li ***jkunu pprovduti assistenza u appoġġ*** lill-vittmi qabel, waqt u għal perijodu xieraq ta' żmien wara l-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali sabiex tippermettilhom jeżerċaw

drittijiet stipulati fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI, u f'din id-Direttiva.	id-drittijiet stipulati fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI, u f'din id-Direttiva ***b'approċċ sensittiv għat-tfal u għall-ġeneru**. **Tali assistenza u appoġġ għandhom ikunu disponibbli anke jekk il-vittma ma tixtieqx li tressaq akkuża."***

Or. en

(32011L0036)

Emenda 183
Maria Walsh, Lena Düpont

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4a) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuna tiġi provduta bl-assistenza u l-appoġġ malli l-awtoritajiet kompetenti jkollhom indikazzjoni bbażata fuq motivi raġonevoli għalfejn jemmnu li l-persuna tista' tkun ġiet suġġetta għal kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.	***"2.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuna tiġi provduta bl-assistenza u l-appoġġ ***fiżiċi u psikoloġiċi meħtieġa*** malli l-awtoritajiet kompetenti jkollhom indikazzjoni bbażata fuq motivi raġonevoli għalfejn jemmnu li l-persuna tista' tkun ġiet suġġetta għal kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3. ***Il-vittmi kollha jeħtiġilhom jiġu riferuti lis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi speċjalizzati meħtieġa sabiex titwettaq valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tagħhom."***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 184
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1e (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuna tiġi provduta bl-assistenza u l-appoġġ malli l-awtoritajiet kompetenti jkollhom indikazzjoni bbażata fuq motivi raġonevoli għalfejn jemmnu li l-persuna tista' tkun ġiet suġġetta għal kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.	***"2.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuna tiġi provduta bl-assistenza u l-appoġġ ***fiżiċi u psikoloġiċi speċjalizzati*** malli l-awtoritajiet kompetenti jkollhom indikazzjoni bbażata fuq motivi raġonevoli għalfejn jemmnu li l-persuna tista' tkun ġiet suġġetta għal kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.***"***

Or. en

(32011L0036)

Emenda 185
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-assistenza u l-appoġġ għal vittma ma jkunux kundizzjonali fuq il-volontà tal-vittma li tikkoopera fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew il-proċess kriminali.

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 11, il-paragrafu 3 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza. Tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.

Emenda 186
Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4b) L-Artikolu 11, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-assistenza u l-appoġġ għal vittma ma jkunux ***kondizzjonali*** fuq il-volontà tal-vittma li tikkoopera fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew il-proċess kriminali, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/81/KE jew regoli nazzjonali simili.	***"3.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-assistenza u l-appoġġ għal vittma ma jkunux ***kundizzjonali*** fuq il-volontà tal-vittma li tikkoopera fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew il-proċess kriminali ***u għandhom jestendu lil hinn mit-tul tal-ħajja tal-investigazzjoni meta meħtieġ***, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/81/KE jew regoli nazzjonali simili.***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 187
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) fl-Artikolu 11, ***il-paragrafu*** 4 ***jiġi sostitwit*** b'dan li ġej:	(4) fl-Artikolu 11, ***il-paragrafi 1, 2, 3 u*** 4 ***huma sostitwiti*** b'dan li ġej:

Or. en

Emenda 188
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-4. Fl-Artikolu 11, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-vittmi jkunu pprovduti bl-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni sensittivi għall-ġeneru, qabel, waqt u għal perjodu ta' żmien xieraq wara l-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali, meħtieġ għall-irkupru fiżiku u psikoloġiku tagħhom abbażi ta' valutazzjoni individwali u f'waqtha inkluża valutazzjoni tar-riskju u sabiex tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet stabbiliti fid-Direttiva 2012/29/UE u f'din id-Direttiva.
	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuna meqjusa u ttrattata bħal vittma, tiġi pprovduta bl-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni malli l-awtoritajiet kompetenti jkollhom indikazzjoni bbażata fuq motivi raġonevoli li jemmnu li l-persuna tista' tkun ġiet suġġetta għal kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.
	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza u l-appoġġ lil vittma u l-protezzjoni tagħha ma jkunux kundizzjonali fuq il-volontà tal-vittma li tikkoopera fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew il-proċess kriminali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi tat-traffikar, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-

persunal tal-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali, is-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzati u l-awtoritajiet ġudizzjarji, jirċievu taħriġ ibbażat fuq l-evidenza u informazzjoni mmirata f'livell xieraq għall-kuntatti tagħhom mal-vittmi, biex ikunu jistgħu jidentifikaw, jipprevjenu u jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin u jevitaw il-vittimizzazzjoni sekondarja. Tali taħriġ għandu jiġi żviluppat minn lenti intersezzjonali f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti inklużi servizzi ta' appoġġ speċjalizzati fil-vittmi tat-traffikar, u għandu jkun iċċentrat fuq il-vittmi.

Or. en

Emenda 189
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi.	4. ***Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u

biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi. ***Il-mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali għandhom jinkludu kooperazzjoni mill-qrib u jistabbilixxu protokolli mal-awtoritajiet nazzjonali tal-ażil biex jiżguraw li l-protezzjoni, l-appoġġ u l-assistenza jiġu pprovduti lill-vittmi tat-traffikar li huma wkoll fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi individwali tal-vittma, inkluż jekk tesperjenzax diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, is-sess, ir-razza jew l-etniċità, id-diżabilità, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess, jew taħlita ta' dawn. L-Istati Membri għandhom jiżguraw konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement u d-dritt tal-vittmi li jitolbu protezzjoni internazzjonali.***

Or. en

Emenda 190
Abir Al-Sahlani, Yana Toom, Sylvie Brunet

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi.	4. ***Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet

amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi. ***Barra minn hekk, meta jittrattaw vittmi tfal, b'mod partikolari l-bniet, il-mekkaniżmi ta' riferiment għandhom jipprovdu appoġġ b'mod li jkun partikolarment adattat għall-vulnerabbiltà tagħhom, kif stabbilit fil-kuntest ta' din id-Direttiva.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa għall-koerenza interna

Emenda 191
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni ***bikrija*** tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi.	4. ***Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn ***id-detezzjoni u*** l-identifikazzjoni tal-vittmi ***prežunti u formalment identifikati u*** l-assistenza u l-

	appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi. ***Id-detezzjoni u l-identifikazzjoni għandhom jinkorporaw approċċ artikolat b'diversi partijiet ikkonċernati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda tal-Kummissjoni fl-Artikolu 11.4.

Emenda 192
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ***għandhom*** jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni ***bikrija*** tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi."	4. ***Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	L-Istati Membri ***huma mħeġġa*** jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn ***id-detezzjoni u*** l-identifikazzjoni tal-vittmi ***prežunti u formalment identifikati u*** l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-

riferiment tal-vittmi.

(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha tirrikjedi bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 11, il-paragrafu 4 tad-Direttiva 2011/36/UE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza.

Emenda 193
Yana Toom, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi.	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi. ***F'każijiet li jinvolvu tfal u vittmi tfal, il-mekkaniżmi ta' riferiment għandhom jipprovdu appoġġ b'mod li jkun partikolarment adattat għall-vulnerabbiltà tagħhom, kif stabbilit fil-kuntest ta' din id-Direttiva.***

Or. en

Emenda 194
Patricia Chagnon

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi.	4. ***Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi ***u, ladarba jispiċċaw il-proċedimenti kriminali, jippermettilhom jirritornaw fl-Istati ta' oriġini tagħhom b'mod prijoritarju***.

Or. fr

Emenda 195
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi,	4. ***Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment immirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, ***inklużi hotlines,*** u biex jaħtru punt fokali nazzjonali għar-riferiment tal-vittmi.

Or. en

Emenda 196
Yana Toom, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"4a.
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-identifikazzjoni u r-riferiment tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin mill-awtoritajiet u uffiċjali rilevanti tal-Istat bħall-pulizija, il-gwardji tal-fruntiera, l-uffiċjali tal-immigrazzjoni u oħrajn involuti fid-detezzjoni, id-detenzjoni, l-akkoljenza u l-ipproċessar ta' migranti irregolari, refuġjati, applikanti għall-asil, persuni spostati u persuni apolidi, biex jippermettu l-identifikazzjoni rapida u preċiża tal-vittmi tat-traffikar tal-

bnedmin.”

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa għall-koerenza mal-emendi 5 u 9.

Emenda 197
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikunu jistgħu jitolbu protezzjoni internazzjonali jew forom simili ta’ protezzjoni pprovduti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fejn il-volontà tal-vittmi li jikkooperaw mal-infurzar tal-liġi nazzjonali tkun ivvalutata b’mod suffiċjenti.

Or. en

Emenda 198
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

L-Istati Membri jeħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-identifikazzjoni u r-riferiment tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin matul il-proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali u fost l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, u jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikunu jistgħu jitolbu protezzjoni internazzjonali jew forom simili ta' protezzjoni previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, inkluż meta l-vittma tkun qed tirċievi l-assistenza u l-appoġġ imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza. Tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.

Emenda 199
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) L-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar li huma applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarji tagħha jkollhom aċċess għal miżuri ta' assistenza u appoġġ stabbiliti fir-reġimi kontra t-traffikar u tal-ażil. *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)*

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza.

Emenda 200
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4a) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
5. Il-miżuri ta' assistenza u appoġġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu provduti fuq bażi konsenswali u infurmata, u għandhom jinkludu ta' mill-inqas livelli ta' ħajja li jistgħu jiggarantixxu l-għajxien tal-vittmi permezz ta' miżuri bħalma huma l-forniment ta' akkomodazzjoni xierqa u sikura u assistenza materjali, kif ukoll kura medika meħtieġa inkluża assistenza psikoloġika, konsulenza u informazzjoni, u servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni fejn ikun xieraq.	***"5.*** Il-miżuri ta' assistenza u appoġġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu provduti fuq bażi konsenswali u infurmata, u għandhom jinkludu ***assistenza fuq terminu twil u*** ta' mill-inqas livelli ta' ħajja li jistgħu jiggarantixxu l-għajxien tal-vittmi permezz ta' miżuri bħalma huma l-forniment ta' akkomodazzjoni xierqa u sikura u assistenza materjali, ***aċċess għall-edukazzjoni u għas-suq tax-xogħol*** kif ukoll kura medika meħtieġa inkluża assistenza psikoloġika, konsulenza u informazzjoni, u servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni fejn ikun xieraq.***"***

Or. en

(Direttiva 2011/36/UE)

Emenda 201
Maria Walsh, Lena Düpont

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*

	(4c) L-Artikolu 11, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
5. Il-miżuri ta' assistenza u appoġġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu provduti fuq bażi konsenswali u infurmata, u għandhom jinkludu ta' mill-inqas livelli ta' ħajja li jistgħu jiggarantixxu l-għajxien tal-vittmi permezz ta' miżuri bħalma huma l-forniment ta' akkomodazzjoni xierqa u sikura u assistenza materjali, kif ukoll kura medika meħtieġa inkluża assistenza psikoloġika, konsulenza u informazzjoni, u servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni fejn ikun xieraq.	***"5.*** Il-miżuri ta' assistenza u appoġġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu provduti fuq bażi konsenswali u infurmata, u għandhom jinkludu ta' mill-inqas livelli ta' ħajja li jistgħu jiggarantixxu l-għajxien tal-vittmi permezz ta' miżuri bħalma huma l-forniment ta' akkomodazzjoni xierqa u sikura u assistenza materjali, kif ukoll kura medika meħtieġa inkluża assistenza psikoloġika, konsulenza u informazzjoni, u servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni fejn ikun xieraq. ***Huma meħtieġa wkoll miżuri ta' appoġġ biex il-protezzjoni tingħata b'mod adegwat lil dawk il-vittmi tfal li jgħaddu minn servizzi ta' adozzjoni u ta' assistenza soċjali."***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 202
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1f (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
5. Il-miżuri ta' assistenza u appoġġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu provduti fuq bażi konsenswali u infurmata, u għandhom jinkludu ta' mill-inqas livelli ta' ħajja li jistgħu jiggarantixxu l-għajxien tal-vittmi permezz ta' miżuri bħalma huma l-forniment ta' akkomodazzjoni xierqa u sikura u	"5. Il-miżuri ta' assistenza u appoġġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu provduti fuq bażi konsenswali u infurmata, u għandhom jinkludu ta' mill-inqas livelli ta' ħajja li jistgħu jiggarantixxu l-għajxien tal-vittmi permezz ta' miżuri bħalma huma l-forniment ta' akkomodazzjoni xierqa u sikura u

assistenza materjali, kif ukoll kura medika meħtieġa inkluża assistenza psikoloġika, konsulenza u informazzjoni, u servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni fejn ikun xieraq.	assistenza materjali, kif ukoll kura medika meħtieġa inkluża assistenza psikoloġika, konsulenza u informazzjoni, u servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni fejn ikun xieraq***, flimkien mal-provvista tar-riżorsi għall-irkupru ekonomiku u soċjali permezz tal-aċċess għat-taħriġ u l-impjieg. Fir-rigward tal-vittmi tfal, dawn għandu jkollhom aċċess għal servizzi speċjalizzati ta' protezzjoni u appoġġ tat-tfal, inklużi postijiet ta' kenn u faċilitajiet adattati għat-tfal."***

Or. en

(32011L0036)

Emenda 203
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	7. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb il-vittmi li jkollhom bżonnijiet speċjali, meta dawk il-bżonnijiet ikunu ġejjin, b'mod partikolari, minn jekk humiex tqal, mill-istat ta' saħħa tagħhom, minn diżabilità jew minn forma serja ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali li jkunu sofrew.

Or. en

Emenda 204
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)

Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4b) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
7. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb il-vittmi li jkollhom bżonnijiet speċjali, meta dawk il-bżonnijiet ikunu ġejjin, b'mod partikolari, minn jekk humiex tqal, l-istat ta' saħħa tagħhom, diżabilità***, mard mentali jew psikoloġiku li jkollhom,*** jew forma serja ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali li jkunu sofrew.	***"7. Il-mekkaniżmi ta' assistenza u protezzjoni pprovduti lill-vittmi jridu jiġu adattati għat-tip ta' traffikar jew sfruttament tal-bnedmin imġarrba u l-profil tal-vittma.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb il-vittmi li jkollhom bżonnijiet speċjali, meta dawk il-bżonnijiet ikunu ġejjin, b'mod partikolari, minn jekk humiex tqal, l-istat ta' saħħa tagħhom, diżabilità jew forma serja ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali li jkunu sofrew.***"***

Or. en

(DIRETTIVA 2011/36/UE)

Emenda 205
Maria Walsh, Lena Düpont

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4d (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4d) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
7. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb il-vittmi li jkollhom bżonnijiet speċjali, meta dawk il-bżonnijiet ikunu ġejjin, b'mod partikolari, minn jekk humiex tqal, l-istat ta' saħħa tagħhom, diżabilità, mard mentali jew psikoloġiku li jkollhom, jew forma serja ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali li jkunu sofrew.	***"7.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb il-vittmi li jkollhom bżonnijiet speċjali, meta dawk il-bżonnijiet ikunu ġejjin, b'mod partikolari, minn jekk humiex tqal, l-istat ta' saħħa tagħhom, diżabilità, mard mentali jew psikoloġiku li jkollhom, jew forma serja ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali li jkunu sofrew. ***Għalhekk, l-assistenza u l-appoġġ psikoloġiċi u fiżiċi kollha offruti għandu***

jkollhom approċċ speċifiku għall-ġeneru u sensittiv għat-tfal meta applikabbli, sabiex jiġu protetti b'mod xieraq il-benesseri fiżiku u mentali tal-vittmi."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 206
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"8. Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandu jkollhom kapaċitajiet suffiċjenti sabiex jakkomodaw lill-vittmi b'diżabilità, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, inkluża l-assistenza personali."

Or. en

Emenda 207
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2011/36
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Fl-Artikolu 11, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:
	8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li

s-servizzi ta' assistenza, appoġġ u protezzjoni għall-vittmi tat-traffikar ikollhom kapaċitajiet suffiċjenti biex jakkomodaw lill-vittmi, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, inkluża l-assistenza personali. Dawn is-servizzi għandhom jiġu pprovduti mingħajr ħlas, f'lingwa li jistgħu jifhmu u għandhom jinkludu l-għoti ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet legali, soċjali u prattiċi, inkluż dwar l-aċċess għall-għajnuna legali u r-riferiment għal servizzi speċjalizzati.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-familja jkollhom aċċess għall-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom u l-grad ta' ħsara mġarrba b'riżultat tar-reat kriminali mwettaq kontra l-vittma.

10. L-Istati Membri għandhom jadottaw Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali kontra t-Traffikar li għandhom jinkludu:

i. miżuri preventivi, inkluża analiżi mmirata lejn l-identifikazzjoni tas-setturi ekonomiċi u soċjali fejn ikun hemm ir-riskju tat-traffikar;

ii. l-iżvilupp ta' skemi ta' diliġenza dovuta li għandhom jiġu applikati minn persuni fiżiċi u ġuridiċi li joperaw fis-setturi ekonomiċi u soċjali fejn jiġi identifikat ir-riskju tat-traffikar;

iii. strateġiji għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskemi ta' diliġenza żviluppati għal setturi speċifiċi fejn jiġi identifikat ir-riskju tat-traffikar, inkluż permezz ta' spezzjonijiet minn awtoritajiet amministrattivi kompetenti u rapportar lilhom, kif ukoll miżuri ta' segwitu relatati;

iv. miżuri għall-ġbir sistematiku tad-data u l-elaborazzjoni tal-istatistika f'konformità mal-Artikolu 19a ta' din id-Direttiva;

v. v. mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-

awtoritajiet kompetenti kollha, riżorsi finanzjarji xierqa, taħriġ xieraq u kapaċitajiet legali xierqa li jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti;

vi. strateġiji għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tat-traffikar mill-ġdid tal-vittmi;

vii. proċeduri għal monitoraġġ u evalwazzjoni regolari tar-riżultati miksuba permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali kontra t-Traffikar;

Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali kontra t-Traffikar u r-rapporti mħejjija bħala riżultat tal-implimentazzjoni tagħhom għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Emenda 208
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4c) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 11a (ġdid):
	Vittmi tat-traffikar li jeħtieġu Protezzjoni Internazzjonali
	1. L-Istati Membri għandhom jiddedikaw riżorsi xierqa u jieħdu miżuri adegwati biex jidentifikaw il-ħtiġijiet għall-Protezzjoni Internazzjonali tal-vittmi tat-traffikar, inkluż fi ħdan il-flussi migratorji u l-hotspots. Il-vittmi għandhom jiġu infurmati dwar id-dritt tagħhom li japplikaw għal Protezzjoni Internazzjonali, f'lingwa li jistgħu jifhmu mal-ewwel opportunità.

2. L-Istati Membri għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' vulnerabbiltà tal-vittmi tat-traffikar li jeħtieġu Protezzjoni Internazzjonali fil-proċeduri tal-asil, inkluż permezz ta' garanziji proċedurali speċjali f'konformità mar-Regolament UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament propost li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE]. Tali valutazzjoni għandha titwettaq hekk kif l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġunijiet jew indikazzjonijiet raġonevoli biex jemmnu li l-persuna tista' tkun vittma tat-traffikar.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw eżami sħiħ tal-applikazzjonijiet għall-Protezzjoni Internazzjonali tal-vittmi tat-traffikar f'konformità mal-proċedura tal-asil kif stabbilita mir-Regolament UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament propost li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE]. L-Istati Membri ma għandhomx jeżaminaw tali applikazzjonijiet fil-qafas ta' proċedura fuq il-fruntiera.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-komplementarjetà bejn is-sistemi ta' protezzjoni internazzjonali u l-proċeduri għall-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar. Meta jsir dan, għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' riferiment xierqa u effettivi bejn l-awtoritajiet involuti fl-attivitajiet kontra t-traffikar u dawk responsabbli għall-għoti ta' Protezzjoni Internazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament UE/XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament propost dwar il-ġestjoni tal-asil u tal-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u r-Regolament

propost (UE) XXX/XXX] b'mod koerenti biex jiġi evitat it-trasferiment tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin lejn il-pajjiż fejn ġew sfruttati meta waslu għall-ewwel darba jew fejn l-awturi tar-reat huma preżenti, u b'hekk jispiċċaw aktar esposti għar-riskju li jiġu ttraffikati mill-ġdid u trawmatizzati mill-ġdid.

6. Il-vittmi tat-traffikar li jeħtieġu Protezzjoni Internazzjonali ma għandhomx jiġu ppenalizzati minħabba d-dħul jew is-soġġorn illegali tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-Protezzjoni Internazzjonali tal-vittmi tat-traffikar u l-valutazzjoni tal-merti tal-applikazzjoni ma jkunux marbuta ma' kunsiderazzjonijiet tal-volontà jew il-kapaċità tal-vittma li tikkoopera mal-awtoritajiet fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni kriminali.

Or. en

Emenda 209
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4d (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4d) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 11b (ġdid)
	Vittmi tat-traffikar apolidi
	1. L-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtiġijiet ta' protezzjoni partikolari ta' persuni li huma apolidi jew f'riskju ta' apolidija, inkluż billi jintroduċu mekkaniżmi biex jistabbilixxu l-identità u l-istatus ta' nazzjonalità tal-vittmi tat-traffikar sabiex ma jitħallewx isiru

	apolidi.
	2. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw jekk il-vittmi tat-traffikar humiex apolidi u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni tagħhom f'konformità mal-Artikolu 11.

Or. en

Emenda 210
Maria Walsh, Lena Düpont

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4e (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4e) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess mingħajr dewmien għal konsulenza legali u, skont ir-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini ta' talba għall-kumpens. Ir-rappreżentanza u l-konsulenza legali għandhom ikunu mingħajr ħlas meta l-vittma ma jkollhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti.	***"2.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess mingħajr dewmien għal konsulenza legali u, skont ir-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini ta' talba għall-kumpens. Ir-rappreżentanza u l-konsulenza legali għandhom ikunu mingħajr ħlas meta l-vittma ma jkollhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti ***u jiġu pprovduti f'lingwa li l-vittma tista' tifhem b'mod raġonevoli****."*

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 211
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4e (ġdid)

Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4e) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess mingħajr dewmien għal konsulenza legali u, skont ir-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini ta' talba għall-kumpens. Ir-rappreżentanza u l-konsulenza legali għandhom ikunu mingħajr ħlas ***meta l-vittma ma jkollhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti***.	***"2.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess mingħajr dewmien għal konsulenza legali ***f'lingwa li jistgħu jifhmu,*** u, skont ir-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti**,** għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini ta' talba għall-kumpens. Ir-rappreżentanza u l-konsulenza legali għandhom ikunu mingħajr ħlas.***"***

Or. en

(Direttiva 2011/36/UE)

Emenda 212
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4f (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4f) fl-Artikolu 13, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	2a (ġdid).
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-identifikazzjoni bikrija ta' tfal vittmi tat-traffikar li huma wkoll fil-bżonn ta' Protezzjoni Internazzjonali, biex jiżguraw li kwalunkwe tifel jew tifla li jagħtu kwalunkwe indikazzjoni li jistgħu jkunu f'riskju ta' persekuzzjoni jiġu identifikati u riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-ażil f'konformità mal-Artikolu 11a.

Or. en

Emenda 213
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fl-Artikolu 13, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:
	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar ikunu sikuri, kunfidenzjali u aċċessibbli għat-tfal, skont l-età u l-maturità tagħhom.
	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jingħata appoġġ psikoloġiku, psikosoċjali, emozzjonali u edukattiv lill-vittmi tfal skont l-età u l-maturità tagħhom. Għandu jingħata wkoll appoġġ lit-tfal li kienu xhieda ta' traffikar jew tfal li ġew imċaħħda mill-kustodja bħala riżultat tat-traffikar.

Or. en

Emenda 214
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li jittieħdu l-azzjonijiet speċifiċi biex jassistu

u jappoġġaw lill-vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin, fit-terminu qasir u twil, fl-irkupru fiżiku u psikosoċjali tagħhom wara li tkun saret valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma tifel jew tifla partikolari, u jitqiesu l-fehmiet, il-ħtiġijiet u l-interessi tagħhom bil-għan li tinstab soluzzjoni fit-tul għat-tifel jew it-tifla, inklużi programmi biex jappoġġaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn l-emanċipazzjoni u l-ħajja adulta sabiex jiġi evitat it-traffikar mill-ġdid. Fi żmien raġonevoli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess għall-edukazzjoni għall-vittmi tfal u għat-tfal tal-vittmi li jingħataw assistenza u appoġġ f'konformità mal-Artikolu 11, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jipprovdu akkomodazzjoni għall-vittmi tfal mingħajr ma jċaħħduhom mil-libertà.

Or. en

Emenda 215
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Fl-Artikolu 14 il-paragrafu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej fl-aħħar:
	Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll jekk it-tfal ikunu vittmi tat-traffikar tal-bnedmin waqt li jkunu taħt il-kustodja ta' istituzzjoni pubblika jew privata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda tal-Kummissjoni fl-

Artikolu 11.4.

Emenda 216
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4g (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4g) fl-Artikolu 14, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar ikunu sikuri, kunfidenzjali u aċċessibbli għat-tfal, skont l-età u l-maturità tagħhom."

Or. en

Emenda 217
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4h (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4h) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. L-Istati Membri għandhom, skont ir-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti, jiżguraw li l-vittmi tfal ikollhom aċċess mingħajr dewmien għal konsulenza legali mingħajr ħlas u għal rappreżentanza legali mingħajr ħlas, inkluż għall-fini ta' talba għall-kumpens, ħlief jekk ikollhom riżorsi finanzjarji suffiċjenti.	***"2.*** L-Istati Membri għandhom, skont ir-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti, jiżguraw li l-vittmi tfal ikollhom aċċess mingħajr dewmien għal konsulenza legali mingħajr ħlas ***f'lingwa li jistgħu jifhmu*** u għal rappreżentanza legali mingħajr ħlas, inkluż għall-fini ta' talba għall-kumpens, ħlief jekk ikollhom riżorsi finanzjarji suffiċjenti.***"***

Or. en

(Direttiva 2011/36/UE)

Emenda 218
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4i (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4i) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:
(a) l-intervisti mal-vittmi tfal isiru mingħajr dewmien ***mhux ġustifikat*** wara li l-fatti jkunu ġew ***irrappurtati*** lill-awtoritajiet kompetenti;	***"(a)*** l-intervisti mal-vittmi tfal isiru mingħajr dewmien wara li l-fatti jkunu ġew ***irrapportati*** lill-awtoritajiet kompetenti;***"***

Or. en

(Direttiva 2011/36/UE)

Emenda 219
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1g (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw lill-vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin, kif imsemmija fl-Artikolu 14(1), iqisu kif jixraq iċ-ċirkostanzi personali u speċjali tal-vittmi tfal mhux akkumpanjati.	***"1.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw lill-vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin, kif imsemmija fl-Artikolu 14(1), iqisu kif jixraq iċ-ċirkostanzi personali u speċjali tal-vittmi tfal mhux akkumpanjati. ***L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom ikunu mħarrġa b'mod***

adegwat biex jassistu u jappoġġaw lill-minorenni mhux akkumpanjati.”

Or. en

(32011L0036)

Emenda 220
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4c) L-Artikolu 16, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinħatar kustodju għall-vittmi tfal mhux akkumpanjati tat-traffikar tal-bnedmin biex jirrappreżenta, jassisti u jagħixxi f'isimhom, kif applikabbli, sabiex jissalvagwardja l-interessi u l-benesseri ġenerali tagħhom u sabiex il-minorenni mhux akkumpanjati jkunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet skont din id-Direttiva u li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġu ddeterminati l-identità u n-nazzjonalità tagħhom u biex tinstab il-familja tagħhom, dment li dan ikun fl-aħjar interess tat-tifel jew it-tifla.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda tal-Kummissjoni fl-Artikolu 11.4.

Emenda 221
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – subparagrafu 1h (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li, fl-investigazzjonijiet u fil-proċedimenti kriminali, skont ir-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant fejn it-tifel jew ***tifla*** ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati mill-familja tagħhom.	***"4.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li, fl-investigazzjonijiet u fil-proċedimenti kriminali, skont ir-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant fejn it-tifel jew ***it-tifla*** ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati mill-familja tagħhom. ***Dawk il-persuni għandhom ikunu mħarrġa u speċjalizzati b'mod adegwat għall-każ speċifiku tal-vittmi tfal biex iqisu b'mod partikolari l-vulnerabbiltajiet u l-ħtiġijiet tagħhom. Jekk ikun il-każ, l-awtoritajiet rilevanti madwar l-UE għandhom jikkooperaw biex jittraċċaw il-familja."***

Or. en

(32011L0036)

Emenda 222
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4d (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4d) Fl-Artikolu 16, jiżdied il-paragrafu li ġej fl-aħħar:
	(5a) L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa biex jiffaċilitaw il-koperazzjoni bejniethom f'każijiet ta' għajbien ta' tfal vittmi mhux akkumpanjati tat-traffikar tal-bnedmin

biex isibuhom u jipproteġuhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda proposta mill-Kummissjoni Ewropea fl-Artikolu 11.4, kif ukoll mal-emendi proposti mill-korelaturi fil-Premessa 23 u fl-Artikolu 16.3.

Emenda 223
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) L-Artikolu 17, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej u jiżdied il-paragrafu 2:
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess għal skemi eżistenti ta' kumpens għall-vittmi ta' reati vjolenti bi ħsieb, inkluż id-dritt li jfittxu kumpens mingħand l-awtur tar-reat.
	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-assi rkuprati u l-multi amministrattivi jintużaw biex jitħallas kumpens lill-vittmi.

Or. en

Emenda 224
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(4c) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess għal skemi effettivi ta' kumpens, bħal skemi eżistenti ta' kumpens għall-vittmi ta' reati vjolenti bi ħsieb.

(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 17, il-paragrafu 1 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza.

Emenda 225
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4d (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4d) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kumpens mogħti lil vittma tat-traffikar tal-bnedmin bħala riżultat ta' deċiżjoni adottata fi proċedimenti kriminali jew ċivili jithallas immedjatament lill-vittma wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni.
	(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza.

Emenda 226
Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4f (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 17

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4f) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess għal skemi eżistenti ta' kumpens għall-vittmi ta' reati vjolenti bi ħsieb.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess għal skemi eżistenti ta' kumpens għall-vittmi ta' reati vjolenti bi ħsieb***, u li tali skemi ma jkunux totalment kundizzjonali għall-prosekuzzjonijiet.”***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 227
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4c) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	“Artikolu 17a
	Aċċess għall-ġustizzja
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar ikollhom id-dritt għal rimedju legali effettiv skont il-liġi

nazzjonali fil-każ ta' ksur tal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 228
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4e (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4e) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	L-Istati Membri għandhom jallokaw ir-riżorsi meħtieġa u jieħdu l-miżuri xierqa, b'mod partikolari kampanji u mezzi oħra li jimmiraw utenti jew xerrejja potenzjali, biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li tħeġġeġ il-forom kollha ta' sfruttament relatat mat-traffikar tal-bnedmin.
	(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 18, il-paragrafu 1 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza.

Emenda 229
Maria Walsh, Lena Düpont

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) L-Artikolu 18, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom ***jieħdu l-miżuri xierqa***, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li tħeġġeġ il-forom kollha ta' sfruttament relatat mat-traffikar tal-bnedmin.	***"1.*** L-Istati Membri għandhom ***jallokaw il-miżuri meħtieġa***, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ ***tal-persunal fis-setturi rilevanti kollha, kif ukoll kampanji dedikati immirati lejn utenti, traffikanti, xerrejja u bejjiegħa potenzjali***, biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu ***l-provvista u*** d-domanda li tħeġġeġ il-forom kollha ta' sfruttament relatat mat-traffikar tal-bnedmin.***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 230
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1i (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li tħeġġeġ il-forom kollha ta' sfruttament relatat mat-traffikar tal-bnedmin.	***"1.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, ***b'attenzjoni partikolari għad-dimensjoni online,*** biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li tħeġġeġ il-forom kollha ta' sfruttament relatat mat-traffikar tal-bnedmin.***"***

Or. en

(32011L0036)

Emenda 231
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4e (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4e) Fl-Artikolu 18, wara l-paragrafu 1 jiżdied il-paragrafu li ġej:
	(1a) Fil-każ tat-tfal, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal, inklużi istituzzjonijiet residenzjali jew tat-tip magħluq, jiżviluppaw pjanijiet speċifiċi għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda proposta mill-Kummissjoni fl-Artikolu 11.4 u mal-emendi proposti mill-korelaturi fil-Premessa 23 u fl-Artikolu 16.3.

Emenda 232
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4f (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4f) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħal kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni, fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħrajn, immirati biex iqajmu

	kuxjenza u jnaqqsu r-riskju ta' nies, speċjalment tfal, li jsiru vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bl-għan li jiżdied l-għarfien, b'mod partikolari mmirat lejn l-irġiel u s-subien, tal-impatt ta' attitudnijiet negattivi, imġiba, u sterjotipi tas-sessi li jippromwovu l-isfruttament tan-nisa u l-bniet u b'hekk jikkontribwixxu għat-traffikar għall-iskop tal-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, inkluż it-traffikar relatat mal-produzzjoni tal-pornografija u materjali ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda tal-Kummissjoni fl-Artikolu 18a.

Emenda 233
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1j (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni, fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħrajn, immirati biex iqajmu kuxjenza u jnaqqsu r-riskju ta' nies, speċjalment tfal, li jsiru vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.	***"2.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni ***għall-vittmi potenzjali***, ***immirati speċifikament lejn in-nisa u l-bniet u l-utenti potenzjali, il-promozzjoni tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali, b'mod sensittiv għall-ġeneru u adattat għat-tfal u*** fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà

	ċivili u partijiet ikkonċernati oħrajn ***bħal pjattaformi online***, immirati biex iqajmu kuxjenza u jnaqqsu r-riskju ta' nies, speċjalment tfal, li jsiru vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.***"***

Or. en

(32011L0036)

Emenda 234
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4j (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4j) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni, ***fejn xieraq*** f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u partijiet ***interessati*** oħrajn, immirati biex iqajmu kuxjenza u jnaqqsu r-riskju ta' nies, speċjalment tfal, li jsiru vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.	***"2.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u partijiet ***ikkonċernati*** oħrajn ***inklużi sħubijiet mas-settur privat***, immirati biex iqajmu kuxjenza u jnaqqsu r-riskju ta' nies, speċjalment tfal ***u persuni b'diżabilità***, li jsiru vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.***"***

Or. en

(Direttiva 2011/36/UE)

Emenda 235
Maria Walsh, Lena Düpont

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE

Artikolu 18 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6b) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 2, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
Test propost mill-Kummissjoni	***"2(a): Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal informazzjoni u programmi edukattivi u kampanja ta' sensibilizzazzjoni, immirati biex jiżdied l-għarfien, b'mod partikolari fost l-irġiel u s-subien, tal-impatt ta' attitudnijiet negattivi, imġiba, u sterjotipi tas-sessi li jippromwovu l-isfruttament tan-nisa u l-bniet u b'hekk jikkontribwixxu għat-traffikar għall-iskop tal-isfruttament tal-prostituzzjoni, ta' forom oħra ta' sfruttament sesswali, inkluż it-traffikar relatat mal-produzzjoni tal-pornografija u materjali ta' abbuż sesswali tat-tfal."***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 236
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4d (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4d) Fl-Artikolu 18, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni huma ċċentrati fuq il-vittma u jkollhom l-għan li jżidu l-fehim fost il-pubbliku tal-fatturi li jixprunaw it-traffikar, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lid-dimensjoni tal-ġeneru tiegħu, id-diskriminazzjoni

bbażata fuq l-oriġini razzjali u etnika, u s-sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, kif ukoll li jisfidaw l-istereotipi dannużi u n-normi li jinbidlu li jiġġustifikaw l-isfruttament u l-abbuż.

2b. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex iwettqu riċerka kwalitattiva fil-fond biex janalizzaw ir-relazzjoni bejn is-sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà u l-esponiment għar-riskji tat-traffikar inkluża r-riċerka biex tiġi eżaminata r-rabta każwali bejn il-ġeneru u s-sitwazzjonijiet tat-traffikar, b'mod partikolari forom inqas viżibbli ta' traffikar bħas-servitù domestiku u t-tneħħija tal-organi, filwaqt li jitqies approċċ intersezzjonali. Ir-riċerka għandha teżamina wkoll il-kawżi ewlenin, il-prevalenza, l-impatt, il-vittmi, l-awturi ta' reat, il-manifestazzjonijiet, il-mezzi u l-ħtieġa għal servizzi ta' appoġġ u protezzjoni.

Or. en

Emenda 237
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4k (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4k) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ regolari għall-uffiċjali li għandhom il-probabbiltà li jiġu f'kuntatt ma' vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi uffiċjali tal-pulizija li qegħdin fuq quddiem, immirat biex jippermettilhom jidentifikaw u jittrattaw vittmi u vittmi potenzjali ***tal-ittraffikar*** tal-bnedmin.	***"3.*** L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ regolari ***sensittiv għat-tfal, id-diżabilità u l-ġeneru,*** għall-uffiċjali li għandhom il-probabbiltà li jiġu f'kuntatt ma' vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi uffiċjali tal-pulizija li qegħdin fuq quddiem, immirat biex jippermettilhom jidentifikaw u jittrattaw vittmi u vittmi potenzjali ***tat-traffikar*** tal-

bnedmin.”

Or. en

(Direttiva 2011/36/UE)

Emenda 238
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4f (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4f) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	L-Istati Membri huma mħeġġa jallokaw ir-riżorsi meħtieġa sabiex jipprovdu taħriġ regolari għall-uffiċjali li għandhom il-probabbiltà li jiġu f'kuntatt ma' vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi uffiċjali tal-pulizija li qegħdin fuq quddiem, immirat biex jippermettilhom jidentifikaw u jittrattaw vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin.
	(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 18, il-paragrafu 3 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza.

Emenda 239
Maria Walsh, Lena Düpont

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE

Artikolu 18 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6c) L-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ regolari għall-uffiċjali li għandhom il-probabbiltà li jiġu f'kuntatt ma' vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi uffiċjali tal-pulizija li qegħdin fuq quddiem, immirat biex jippermettilhom jidentifikaw u jittrattaw vittmi u vittmi potenzjali ***tal-ittraffikar*** tal-bnedmin.	***"3.*** L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ regolari ***mandatorju*** għall-uffiċjali li għandhom il-probabbiltà li jiġu f'kuntatt ma' vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi uffiċjali tal-pulizija***, uffiċjali soċjali, assistenti soċjali u ħaddiema tal-isptar*** li qegħdin fuq quddiem, immirat biex jippermettilhom jidentifikaw u jittrattaw vittmi u vittmi potenzjali ***tat-traffikar*** tal-bnedmin.***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 240
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1k (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ regolari għall-uffiċjali li għandhom il-probabbiltà li jiġu f'kuntatt ma' vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi uffiċjali tal-pulizija li qegħdin fuq quddiem, immirat biex jippermettilhom jidentifikaw u jittrattaw vittmi u vittmi potenzjali tal-ittraffikar tal-bnedmin.	***"3.*** L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ regolari ***speċjalizzat*** għall-uffiċjali li għandhom il-probabbiltà li jiġu f'kuntatt ma' vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi ***imħallfin, uffiċjali soċjali, assistenti soċjali, ħaddiema tal-isptar u*** uffiċjali tal-pulizija li qegħdin fuq quddiem, immirat biex jippermettilhom jidentifikaw u jittrattaw vittmi u vittmi potenzjali tal-ittraffikar tal-bnedmin.***"***

Or. en

(32011L0036)

Emenda 241
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4g (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4g) Fl-Artikolu 18, jiżdied il-paragrafu li ġej fl-aħħar:
	(4a) L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri kontra t-traffikar bħala parti mill-pjanijiet ta' rispons ta' emerġenza tagħhom u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejniethom sabiex jipprevjenu u jnaqqsu l-okkorrenza tat-traffikar tal-bnedmin f'kuntesti bħal dawn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda tal-Kummissjoni fl-Artikolu 11.4.

Emenda 242
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Fl-Artikolu 18, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	5. L-Istati Membri għandhom

jistabbilixxu mekkaniżmi tal-ilmenti effettivi, aċċessibbli u indipendenti biex jipprevjenu l-ksur tad-drittijiet tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Tali mekkaniżmi jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi tat-traffikar, l-assistenza u l-appoġġ għalihom. L-ilmenti jistgħu jitressqu minn partijiet terzi, bħal NGOs, trade unions, jew organizzazzjonijiet tal-ħaddiema migranti, f'isem il-vittma bil-kundizzjoni li l-vittma tkun tat il-kunsens tagħha. It-tressiq ta' lment ma għandux iwassal għal kwalunkwe tpattija għall-vittma, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ta' immigrazzjoni tagħha. Dan jinkludi l-protezzjoni minn multi u sanzjonijiet amministrattivi oħra, il-prosekuzzjoni għal reati kriminali relatati mal-immigrazzjoni, l-arrest, id-detenzjoni u d-deportazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilmenti mressqa skont dan il-paragrafu jiġu vvalutati u investigati fil-pront, u jiġu segwiti b'mod adegwat inkluż, meta xieraq, permezz tal-applikazzjoni ta' penali amministrattivi.

Or. en

Emenda 243
Yana Toom, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18a – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reati li jikkonċernaw l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament ***b'għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat li jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin.***	Reati li jikkonċernaw l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament ***sesswali***

Or. en

Emenda 244
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reati li jikkonċernaw l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament ***b'għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat li jikkonċerna t-traffikar*** tal-bnedmin***.***	Reati li jikkonċernaw l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament ***fir-rigward tat-traffikar*** tal-bnedmin

Or. en

Emenda 245
Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reati li jikkonċernaw l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament ***b'għarfien li l-persuna hija*** vittma ***ta' reat li jikkonċerna t-traffikar*** tal-bnedmin***.***	Reati li jikkonċernaw l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament ***estratt minn*** vittma ***tat-traffikar*** tal-bnedmin

Or. en

Emenda 246
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reati ***li jikkonċernaw l-użu*** ta' servizzi ***li***	Reati ***relatati max-xiri*** ta' servizzi

huma s-suġġett ta' ***sfruttament b'għarfien li l-persuna hija vittma*** ta' ***reat*** li ***jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin.***	***sesswali, ix-xiri*** ta' ***organi umani, ix-xiri*** ta' ***servizzi*** li ***jirriżultaw mill-iskjavitù***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa għall-koerenza interna minħabba bidliet li saru fil-Premessa 9

Emenda 247
Yana Toom, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu ***l-miżuri meħtieġa*** biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament ***kif imsemmi fl-Artikolu 2***, ***bl-għarfien*** li l-persuna hija vittma ta' ***reat imsemmi fl-Artikolu 2***.	1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu ***miżuri*** biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament ***tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali f'każijiet fejn l-utent ta' tali servizzi kien jaf***, ***jew seta' raġonevolment jassumi,*** li l-persuna hija vittma ta' ***traffikar. F'każijiet fejn il-vittma hija minorenni, l-utent għandu jitqies kriminalment responsabbli, irrispettivament minn kwalunkwe għarfien tal-istatus jew l-età tal-vittma***.

Or. en

Emenda 248
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2, bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat imsemmi fl-Artikolu 2.	1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ***intenzjonali*** ta' servizzi ***jew materjal awdjoviżiv*** li huma s-suġġett ***jew ir-riżultat*** ta' sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2, bl-għarfien li l-persuna ***li tipprovdi s-servizzi jew li tidher fil-materjal awdjoviżiv*** hija vittma ta' reat imsemmi fl-Artikolu 2***, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali tagħhom u mal-prattika legali***.

Or. en

Emenda 249
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu ***bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi*** li ***huma s-suġġett ta' sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2, bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat imsemmi fl-Artikolu 2.***	1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu ***dawn*** li ***ġejjin bħala reati kriminali;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa għall-koerenza interna minħabba bidliet li saru fil-Premessi 9, 9a u 9b. It-tipi ta' reati tat-traffikar ivarjaw ħafna. Minħabba dan, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejniethom, u b'hekk dan l-Artikolu jinqasam f'diversi oħrajn differenti.

Emenda 250
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2***, bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat imsemmi fl-Artikolu 2***.	1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2.

Or. en

Emenda 251
Maria Walsh, Lena Düpont

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2***, bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat imsemmi fl-Artikolu 2***.	1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2.

Or. en

Emenda 252
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament ***kif imsemmi fl-Artikolu 2, bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat*** imsemmi fl-Artikolu 2.	1. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġuta d-domanda, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi ***ta' persuni*** li huma s-suġġett ta' sfruttament ***tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew ta' forom oħra ta' sfruttament sesswali kif*** imsemmi fl-Artikolu 2.

Or. en

Emenda 253
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. fl-Artikolu 18a, il-paragrafu li ġej jiżdied wara l-paragrafu 1:
	(1a) Sabiex tiġi skoraġġuta d-domanda għat-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament sesswali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba intenzjonali li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali:
	(a) l-offerta, l-ingaġġar jew it-tħajjir ta' persuna oħra għall-finijiet ta' prostituzzjoni;
	(b) il-kisba ta' kwalunkwe profitt mill-

prostituzzjoni ta' persuna oħra.

Or. en

Emenda 254
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. sfruttament permezz tax-xiri ta' servizzi sesswali, kif stabbilit fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva. Dan jinkludi s-sollečitazzjoni, l-aċċettazzjoni jew il-kisba ta' kwalunkwe relazzjoni sesswali minn persuna fil-prostituzzjoni, bi skambju għal wegħda immedjata jew wegħda ta' remunerazzjoni jew kwalunkwe tip ta' remunerazzjoni li mhijiex ta' natura finanzjarja, jew il-wegħda ta' tali remunerazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija meħtieġa għall-koerenza interna minħabba bidliet li saru f'dan l-Artikolu u fil-Premessa 9. It-tipi ta' reati tat-traffikar ivarjaw ħafna. Minħabba dan, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejniethom, u b'hekk dan l-Artikolu jinqasam f'diversi oħrajn differenti.

Emenda 255
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għal każijiet oħra ta' sfruttament

imsemmija fl-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' tali servizzi meta l-utent kien jaf jew seta' kien jaf b'mod raġonevoli li l-persuna kienet vittma ta' tali sfruttament.

Or. en

Emenda 256
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-użu ta' servizzi jew materjali awdjoviżivi msemmija fil-paragrafu 1 għandu jinkludi atti mwettqa permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 257
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Sfruttament permezz tat-tneħħija ta' organi umani minn donatur ħaj jew mejjet, bi skambju għal remunerazzjoni jew kwalunkwe tip ta' remunerazzjoni li mhijiex ta' natura finanzjarja, lid-donatur ħaj jew parti terza, kif stabbilit fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija meħtieġa għall-koerenza interna minħabba bidliet li saru f'dan l-Artikolu u fil-Premessa 9a It-tipi ta' reati tat-traffikar ivarjaw ħafna. Minħabba dan, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejniethom, u b'hekk dan l-Artikolu jinqasam f'diversi oħrajn differenti.

Emenda 258
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. sfruttament permezz tax-xiri ta' servizzi li ġejjin mill-iskjavitù, is-servitù jew prattiċi simili għall-iskjavitù, kif stabbilit fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija meħtieġa għall-koerenza interna minħabba bidliet li saru f'dan l-Artikolu u fil-Premessa 9a It-tipi ta' reati tat-traffikar ivarjaw ħafna. Minħabba dan, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejniethom, u b'hekk dan l-Artikolu jinqasam f'diversi oħrajn differenti.

Emenda 259
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. Reati li jikkonċernaw l-użu ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat li jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija meħtieġa għall-koerenza interna minħabba bidliet li saru f'dan l-Artikolu u fil-Premessi 9, 9a u 9b. It-tipi ta' reati tat-traffikar ivarjaw ħafna. Minħabba dan, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejniethom, u b'hekk dan l-Artikolu jinqasam f'diversi oħrajn differenti.

Emenda 260
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1e. ix-xiri ta' servizzi li huma s-suġġett ta' sfruttament bl-għarfien li l-persuna hija vittma tat-traffikar kif relatat ma' kwalunkwe tip ta' sfruttament imsemmi fl-Artikolu 2, ħlief għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi (a), (b) u (c) ta' dan l-Artikolu;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija meħtieġa għall-koerenza interna minħabba bidliet li saru f'dan l-Artikolu. It-tipi ta' reati tat-traffikar ivarjaw ħafna. Minħabba dan, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejniethom, u b'hekk dan l-Artikolu jinqasam f'diversi oħrajn differenti.

Emenda 261
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reat kif	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reat kif

stabbilit f'konformità mal-paragrafu 1 ikun punibbli b'pieni u sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi."	stabbilit f'konformità ***mal-paragrafi 1(a), (b), (c) u (e)*** ikun punibbli b'pieni u sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija meħtieġa għall-koerenza interna minħabba bidliet li saru f'dan l-Artikolu. It-tipi ta' reati tat-traffikar ivarjaw ħafna. Minħabba dan, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejniethom, u b'hekk dan l-Artikolu jinqasam f'diversi oħrajn differenti.

Emenda 262
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reat kif stabbilit f'konformità ***mal-paragrafu 1*** ikun punibbli b'pieni u sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi."	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reat kif stabbilit f'konformità ***mal-paragrafi 1 u 2*** ikun punibbli b'pieni u sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi."

Or. en

Emenda 263
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reat kif stabbilit f'konformità ***mal-paragrafu 1*** ikun punibbli b'pieni u sanzjonijiet	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reat kif stabbilit f'konformità ***mal-paragrafi 1 u 2*** ikun punibbli b'pieni u sanzjonijiet

effettivi, proporzjonati u dissważivi.”	effettivi, proporzjonati u dissważivi.”

Or. en

Emenda 264
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reat kif stabbilit f’konformità ***mal-paragrafu 1 ikun*** punibbli b’pieni u sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi.”	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reat kif stabbilit f’konformità ***mal-paragrafi 1 u 1a jkun*** punibbli b’pieni u sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi.”

Or. en

Emenda 265
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. fl-Artikolu 18a, il-paragrafu li ġej jiżdied wara l-paragrafu 2:
	(2a). L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll li jieħdu miżuri rigward dawk li jissollečitaw, jaċċettaw jew jiksbu att sesswali minn persuna bi skambju għal remunerazzjoni, il-wegħda ta’ remunerazzjoni, l-għoti ta’ benefiċċju in natura jew il-wegħda ta’ tali benefiċċju.

Or. en

Emenda 266
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jistgħu jimponu miżuri ta' kontroll addizzjonali fuq il-proċess tal-produzzjoni ta' servizzi u oġġetti li huma s-suġġett ta' sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2 fejn dan ma jistax jinkiseb biss permezz tal-liġi kriminali.

Or. en

Emenda 267
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Jiddaħħal l-Artikolu 18b li ġej:
	"Artikolu 18b
	Miżuri għall-prevenzjoni tat-traffikar iffaċilitat mit-teknoloġija tal-informazzjoni
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-pjattaformi online, kif definiti fl-Artikolu 2(h) tar-Regolament dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, li s-servizzi tagħhom jintużaw biex jiffaċilitaw jew iwettqu atti ta' sfruttament kif definit fl-Artikolu 2 ta'

din id-Direttiva, iwettqu monitoraġġ għal materjali ta' sfruttament u użu ħażin tal-pjattaformi, ineħħu l-kontenut illegali u jippreservawh għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' atti illegali u jirrapportaw kontenut illegali lill-awtoritajiet xierqa/maħtura;

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu r-responsabbiltà tal-pjattaformi online għat-traffikar tal-bnedmin li jseħħ fuq tali pjattaformi jew li jkun iffaċilitat minnhom, fejn tali pjattaformi kienu jafu jew kellhom jassumu b'mod raġonevoli li kien seħħ it-traffikar tal-bnedmin;

3. L-Istati Membri għandhom jassenjaw l-awtorità regolatorja nazzjonali xierqa tal-Internet bis-sorveljanza tal-attivitajiet indikati fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda tal-Kummissjoni fl-Artikolu 2a.

Emenda 268
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:
	"1a. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw, jadottaw u jimplimentaw regolarment Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Ġlieda kontra t-Traffikar ta' Bnedmin f'konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar u

bil-parteċipazzjoni tagħhom. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għandhom jinkludu miżuri biex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni u intelligence dwar it-traffikar tranżnazzjonali tal-bnedmin."

Or. en

Emenda 269
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) L-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Artikolu 19
	Koordinaturi Nazzjonali Kontra t-Traffikar
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu koordinaturi nazzjonali kontra t-traffikar u jipprovdulhom ir-riżorsi adegwati meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv. Il-koordinatur nazzjonali kontra t-traffikar għandu jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib ma' korpi u aġenziji nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti oħra, b'mod partikolari mekkaniżmi ta' riferiment u punti fokali nazzjonali, u ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti attivi f'dan il-qasam.
	2. Il-koordinatur nazzjonali kontra t-traffikar għandu jappoġġa lill-gvern fl-iżvilupp ta' linji politiċi koerenti u effettivi, inklużi l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali koperti fl-Artikolu 19c, biex jassistu, jappoġġaw u jipproteġu lill-vittmi. Il-koordinatur nazzjonali kontra t-traffikar għandu jkun responsabbli li

jwettaq tali valutazzjonijiet tal-kawżi fundamentali u t-tendenzi tat-traffikar tal-bnedmin, it-tkejjil tar-riżultati tal-azzjonijiet ta' kontra t-traffikar, inkluż il-ġbir tal-istatistika koperta fl-Artikolu 19a, il-valutazzjoni tal-impatt ta' dawk il-miżuri fuq id-drittijiet tal-vittmi u r-rapportar. Dawn il-kompiti għandhom jippermettu l-identifikazzjoni ta' fallimenti u jservu biex itejbu u jiżviluppaw aktar miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar.

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll rapporteurs nazzjonali indipendenti jew mekkaniżmi ekwivalenti biex jimmonitorjaw l-impatt tal-miżuri kontra t-traffikar, jissottomettu lill-awtorità nazzjonali kompetenti rapporti annwali u rapporti monografiċi dwar kwistjonijiet meqjusa serji, urġenti jew li jeħtieġu attenzjoni speċjali u biex jilqgħu lmenti dwar il-funzjonament tal-korpi u l-aġenziji inkarigati mill-ġlieda kontra t-traffikar."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda tal-Kummissjoni fl-Artikolu 11.4. Sabiex tissaħħaħ il-governanza u l-effiċjenza tar-risponsi għat-traffikar, hemm il-ħtieġa li jinħoloq jew jiġi maħtur korp fil-livell tal-Istati Membri li jkollu l-għan espliċitu li jikkoordina u jikkontribwixxi għat-tisħiħ u l-iżvilupp ta' risponsi ta' politika adegwati. F'din il-konfigurazzjoni, huwa spjegat ukoll li r-rapporteurs nazzjonali għandhom rwol aktar indipendenti, u jiffukaw biex jidentifikaw il-problemi fl-implimentazzjoni.

Emenda 270
Maria Walsh, Lena Düpont

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19

Test fis-seħħ	*Emenda*

	(7a) L-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu Relaturi Nazzjonali jew mekkaniżmi oħra ekwivalenti. Il-kompiti ta' tali mekkaniżmi għandhom jinkludu t-twettiq ta' valutazzjonijiet dwar it-tendenzi tat-traffikar tal-bnedmin, it-tkejjil tar-riżultati tal-azzjonijiet ta' kontra t-traffikar, inkluż il-ġbir tal-istatistika b'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili attivi f'dan il-qasam, u ***r-rappurtaġġ***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ***malajr*** biex jistabbilixxu Relaturi Nazzjonali jew mekkaniżmi oħra ekwivalenti. Il-kompiti ta' tali mekkaniżmi għandhom jinkludu t-twettiq ta' valutazzjonijiet dwar it-tendenzi tat-traffikar tal-bnedmin, it-tkejjil tar-riżultati tal-azzjonijiet ta' kontra t-traffikar, inkluż il-ġbir tal-istatistika b'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili attivi f'dan il-qasam, u ***r-rapportar***. ***Il-koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha, inklużi s-servizzi tas-saħħa, il-ħaddiema soċjali u l-uffiċjali tal-pulizija hija meħtieġa biex jiġi żgurat li d-data rilevanti tinġabar b'mod preċiż."***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:mt:PDF)

Emenda 271
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1l (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19

Test fis-seħħ	*Emenda*
	L-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu Relaturi Nazzjonali jew mekkaniżmi ***oħra*** ekwivalenti. Il-kompiti ta' tali mekkaniżmi għandhom jinkludu t-twettiq ta' valutazzjonijiet dwar it-tendenzi tat-traffikar tal-bnedmin, it-tkejjil tar-riżultati tal-azzjonijiet ta' kontra t-traffikar, inkluż il-ġbir tal-istatistika b'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-	**"**L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu Relaturi Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti. Il-kompiti ta' tali mekkaniżmi għandhom jinkludu t-twettiq ta' valutazzjonijiet dwar it-tendenzi tat-traffikar tal-bnedmin, it-tkejjil tar-riżultati tal-azzjonijiet ta' kontra t-traffikar, inkluż il-ġbir tal-istatistika b'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà

soċjetà ċivili attivi f'dan il-qasam, u ***r-rappurtaġġ***.	ċivili attivi f'dan il-qasam, u ***r-rapportar***. ***L-informazzjoni u d-data għandhom jinġabru f'kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-UE biex tiġi żgurata kollaborazzjoni transfruntiera effiċjenti."***

Or. en

(32011L0036)

Emenda 272
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6c (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6c) Jiddaħħal l-Artikolu 19a li ġej:
	"Artikolu 19a
	Mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment għall-identifikazzjoni u l-protezzjoni
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment f'konformità mal-Artikolu 11.4 b'kompetenzi f'mill-inqas l-oqsma li ġejjin:
	(a) Id-detezzjoni, l-istabbiliment ta' standards minimi komuni, l-adattament tal-proċeduri għall-forom differenti ta' sfruttament koperti minn din id-Direttiva u l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' kontinġenza għal ambjenti sensittivi;
	(b) L-identifikazzjoni, il-promozzjoni, il-koordinazzjoni u, fejn xieraq, il-finanzjament ta' programmi ta' identifikazzjoni, u l-iżvilupp ta' għodod għall-valutazzjoni tar-riskju inkluż fi kriżijiet umanitarji;
	(c) Il-protezzjoni, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi vinkolanti biex tiġi armonizzata l-assistenza lill-vittmi u

standards minimi komuni fiċ-ċentri u l-programmi ta' akkoljenza, inkluż li jsiru riferimenti tal-vittmi għal postijiet ta' kenn speċifiċi u/jew riżorsi ta' appoġġ psikosoċjali;

(d) Koordinazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati biex jiġu żgurati koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi u implimentazzjoni koerenti tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda tal-Kummissjoni fl-Artikolu 11.4.

Emenda 273
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 19***a***	Artikolu 19***b***

Or. en

Emenda 274
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Maria Walsh, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-ġbir tad-data għandu jsir f'kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-

UE.

Or. en

Emenda 275
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għadd ta' vittmi rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza, u l-forma ta' sfruttament;	(a) l-għadd ta' vittmi ***identifikati u*** rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***inkluż l-għadd ta' tfal mingħajr il-kustodja u l-għadd ta' minorenni mhux akkumpanjati,*** iċ-ċittadinanza, ***id-diżabilità, l-oriġini etnika u razzjali,*** u l-forma ta' sfruttament***, b'indikazzjoni jekk hemmx vittmi li huma s-suġġett ta' aktar minn forma waħda ta' sfruttament***;

Or. en

Emenda 276
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għadd ta' vittmi rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza, u l-forma ta' sfruttament;	(a) l-għadd ta' vittmi rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, ***il-ġeneru***, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti)***, id-diżabilità, l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus ta' residenza,***

	vulnerabbiltajiet oħra (bħal tfal mingħajr kustodja u minorenni mhux akkumpanjati), iċ-ċittadinanza, u l-forma ta' sfruttament;

Or. en

Emenda 277
Lívia Járóka

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għadd ta' vittmi rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza, u l-forma ta' sfruttament;	(a) l-għadd ta' vittmi ***identifikati u*** rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza, ***id-diżabilità, l-etniċità*** u l-forma ta' sfruttament***, b'indikazzjoni jekk hemmx vittmi li huma s-suġġett ta' aktar minn forma waħda ta' sfruttament***; *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)*

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 19a, il-paragrafu 2 tad-Direttiva 2011/36/KE)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex tiġi żgurata koerenza.

Emenda 278
Yana Toom, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għadd ta' vittmi rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza, u ***l-forma*** ta' sfruttament;	(a) l-għadd ta' vittmi rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***jekk il-vittma kenitx minorenni mhux akkumpanjata,*** iċ-ċittadinanza, ***il-forma*** ta' sfruttament u***, jekk applikabbli, id-diżabilità u vulnerabbiltajiet oħra rilevanti***;

Or. en

Emenda 279
Abir Al-Sahlani, Yana Toom, Sylvie Brunet

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għadd ta' vittmi rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza, u l-forma ta' sfruttament;	(a) l-għadd ta' vittmi rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***jekk il-vittma kenitx minorenni mhux akkumpanjata,*** iċ-ċittadinanza, ***il-forma ta' sfruttament*** u***, jekk applikabbli, id-diżabilità u vulnerabbiltajiet oħra rilevanti***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija meħtieġa għall-koerenza interna minħabba bidliet li saru f'Artikoli oħra.

Emenda 280
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE

Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għadd ta' vittmi rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***iċ-ċittadinanza***, u l-forma ta' sfruttament;	(a) ***Fl-Artikolu 19a, il-paragrafu 2a huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"2a. l-għadd ta' vittmi rreġistrati ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni, is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***in-nazzjonalità u l-apolidija***, u l-forma ta' sfruttament;***"***

Or. en

Emenda 281
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-għadd ta' vittmi li jirċievu permessi ta' residenza temporanji jew permanenti, diżaggregat skont il-ġeneru, is-sess, il-gruppi tal-età (tfal/adulti), l-oriġini razzjali jew etnika, vulnerabbiltajiet oħra, iċ-ċittadinanza u t-tip ta' sfruttament;

Or. en

Emenda 282
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) l-għadd ta' vittmi mdaħħla fis-suq tax-xogħol regolari, diżaggregat skont il-ġeneru, l-età, in-nazzjonalità, il-pajjiż tat-twelid u t-tip ta' sfruttament

Or. en

Emenda 283
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) id-disponibbiltà tas-servizzi ta' assistenza, appoġġ u protezzjoni għall-vittmi, l-għadd ta' vittmi li jaċċessaw dawn is-servizzi jew li qed jistennewhom, u l-għadd ta' każijiet fejn dawn is-servizzi jingħataw lill-vittmi.

Or. en

Emenda 284
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd ta' persuni suspettati b'reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***iċ-ċittadinanza***, u l-forma ta' sfruttament;	(b) ***Fl-Artikolu 19a, il-paragrafu 2b huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"2b. l-għadd ta' persuni suspettati b'reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont

	is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***in-nazzjonalità jew l-apolidija***, u l-forma ta' sfruttament;***"***

Or. en

Emenda 285
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-għadd ta' persuni ***mħarrka*** għal reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***iċ-ċittadinanza***, il-forma ta' sfruttament, in-natura tad-deċiżjoni finali għal prosekuzzjoni;	(c) ***Fl-Artikolu 19a, il-paragrafu 2c huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"2c. l-għadd ta' persuni ***li pproċedew kontrihom*** għal reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***in-nazzjonalità jew l-apolidija***, il-forma ta' sfruttament, in-natura tad-deċiżjoni finali għal prosekuzzjoni;

Or. en

Emenda 286
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-għadd ta' persuni ***mħarrka*** għal reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti),	(c) l-għadd ta' persuni ***li pproċedew kontrihom*** għal reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont ***il-ġeneru,*** is-sess, il-

iċ-ċittadinanza, il-forma ta' sfruttament, in-natura tad-deċiżjoni finali għal prosekuzzjoni;	gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza, il-forma ta' sfruttament, in-natura tad-deċiżjoni finali għal prosekuzzjoni;

Or. en

Emenda 287
Juan Fernando López Aguilar, Maria-Manuel Leitão-Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-għadd ta' persuni kkundannati għal reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***iċ-ċittadinanza***;	(e) ***Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2e huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"2e. l-għadd ta' persuni kkundannati għal reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), ***in-nazzjonalità jew l-apolidija***;

Or. en

Emenda 288
Alice Kuhnke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-għadd ta' persuni kkundannati għal reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza;	(e) l-għadd ta' persuni kkundannati għal reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat skont ***il-ġeneru,*** is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza;

Or. en

Emenda 289
Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19a – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-għadd ta' persuni suspettati, persuni ***mħarrka*** u kkundannati għal reati msemmija fl-Artikolu 18a, diżaggregat skont is-sess u l-gruppi ta' età (tfal/adulti).	(g) l-għadd ta' persuni suspettati, persuni ***li pproċedew kontrihom*** u kkundannati għal reati msemmija fl-Artikolu 18a, ***1(a), (b), (c), u (e)*** diżaggregat skont is-sess u l-gruppi ta' età (tfal/adulti).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija meħtieġa għall-koerenza interna minħabba bidliet li saru fil-Premessa 18.

Emenda 290
Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19(a) – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom ***jittrażmettu darba fis-sena*** lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Lulju kull sena, ***id-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 għas-sena preċedenti***.	3. L-Istati Membri għandhom**,** ***f'kollaborazzjoni mal-Aġenziji rilevanti tal-UE, jiżguraw li d-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 għas-sena preċedenti tiġi trażmessa kull sena*** lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Lulju ***ta'*** kull sena, ***f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha u responsabbli lejn il-Parlament Ewropew***.

Or. en

Emenda 291
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 19c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Jiddaħħal l-Artikolu 19c li ġej:
	"Artikolu 19c
	Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali
	1. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali, f'kooperazzjoni mal-koordinaturi nazzjonali kontra t-traffikar, mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment, u organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili attivi fil-qasam għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (il-"pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali") sa... [Data – sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jiġu rieżaminati u aġġornati kull ħames snin."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda tal-Kummissjoni fl-Artikolu 11.4.

Emenda 292
Malin Björk, Eugenia Rodríguez Palop

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(7a) L-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. Sabiex jingħata kontribut għal strateġija koordinata u konsolidata tal-Unjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-kompiti ta' Koordinatur tal-UE ta' Kontra t-Traffikar (ATC). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-ATC mill-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 19 u 19b. L-ATC għandu jikkontribwixxi għar-rapportar imwettaq mill-Kummissjoni kull sentejn dwar il-progress li jkun sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, f'konsultazzjoni mal-koordinaturi nazzjonali kontra t-traffikar, ir-Relaturi Nazzjonali u l-mekkaniżmi ekwivalenti, l-aġenziji tal-UE u l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili attivi fil-qasam.

2. Sabiex tiġi trażmessa l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u biex tiġi żgurata kooperazzjoni koerenti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu struttura ta' koordinazzjoni bejn l-ATC, il-koordinaturi nazzjonali kontra t-traffikar, il-mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment u l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili attivi fil-qasam.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza mal-emenda tal-Kummissjoni fl-Artikolu 11.4.

Emenda 293
Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Christine Schneider, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1m (ġdid)
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 20

Test fis-seħħ	*Emenda*
	L-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Sabiex jingħata kontribut għal strateġija koordinata u konsolidata tal-Unjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-kompiti ta' Koordinatur ta' Kontra t-Traffikar (ATC). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-ATC l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 19, li fuq il-bażi tagħha l-ATC għandu jikkontribwixxi għal rapportar imwettaq mill-Kummissjoni kull sentejn dwar il-progress li jkun sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.	***"***Sabiex jingħata kontribut għal strateġija koordinata u konsolidata tal-Unjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-kompiti ta' Koordinatur ta' Kontra t-Traffikar (ATC). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-ATC l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 19, ***u d-data msemmija fl-Artikolu 19a,*** li fuq il-bażi tagħha l-ATC għandu jikkontribwixxi għal rapportar imwettaq mill-Kummissjoni kull sentejn dwar il-progress li jkun sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.***"***

Or. en

(32011L0036)

Emenda 294
Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2011/36/UE
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha, [sa ***5*** snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni], tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 18a u l-impatt ta' dawn il-miżuri."	3. Il-Kummissjoni għandha, [sa ***3*** snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni], tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa ***biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, inkluż*** sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 18a u l-impatt ta' dawn il-miżuri."

Or. en